# MALTA

**ATT Nru. XXI ta' l-1993**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex ikompli jemenda l-Kodiċi Ċivili, Kap. 16.**

**ACT No. XXI of 1993**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT further to amend the Civil Code, Cap. 16.**

Naghti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ĊENSU TABONE
President

20 ta' Awissu, 1993

**ATT Nru. XXI ta' l-1993**

*ATT biex ikompli jemenda l-Kodiċi Ċivili, Kap. 16.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1993 li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru. 2) u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi Ċivili, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Kodiċi".

(2) Dan l-Att għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Emenda ġenerali għall-Kodiċi fejn jirreferi għas-setgħa tal-missier.

**2.** Minflok il-kliem "Setgħa tal-Missier" kull fejn u b'liema mod li jkun li jinsabu fil-Kodiċi għandhom jidħlu l-kliem "Setgħa tal-Ġenituri".

Sostituzzjoni ta' l-artikoli 2, 3 u 4 tal-Kodiċi.

**3.** Minflok l-artikoli 2, 3 u 4 tal-Kodiċi għandu jidħol dan li ġej:

"Dmirijiet tal-miżżewġin lejn xulxin.

2. (1) Il-liġi tippromwovi l-għaqda u l-istabbilità tal-familja.

(2) Il-miżżewġin għandhom jeddijiet indaqs u jerfgħu responsabbiltajiet indaqs matul iż-żwieġ tagħhom. Għandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.

Dmir għal kontri-buzzjoni għall-ħtiġiet tal-familja.

3. Il-partijiet fiż-żwieġ għandhom l-obbligu, kull waħda minnhom skond il-mezzi u l-ħila tagħhom, li jaħdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinħtieġu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu għall-ħtiġiet tal-familja.

Id-dar taż-żwieġ.

3A. (1) Id-dar taż-żwieġ għandha tkun stabbilita f'lok li jintagħżel bi qbil bejn il-miżżewġin skond il-ħtiġiet tal-miżżewġin u l-interess ewlieni tal-familja nnifisha.

(2) Meta d-dar taż-żwieġ, kollha kemm hi jew sehem minnha, tkun tappartjeni fi proprjetà jew b'xi titolu ieħor, lil parti waħda mill-miżżewġin, dik il-parti tista' biss tittrasferixxi b'titolu *inter vivos* is-sehem tagħha fuq id-dar taż-żwieġ:

(a) bil-kunsens tal-parti l-oħra; jew

(b) meta dak il-kunsens ma jingħatax mingħajr raġuni xierqa, bl-awtorità tal-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja; jew

(ċ) b'irkant f'bejgħ ġudizzjarju fuq talba ta' xi kreditur ta' dik il-parti.

(3) Il-parti li ma tkunx tat il-kunsens tagħha għal trasferiment tista' ġġib azzjoni għall-annullament ta' trasferiment li ma jkunx sar skond is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, f'għeluq sena minn meta t-trasferiment ikun ġie reġistrat.

Dmir tal-miżżewġin lejn l-ulied.

3B. Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied.

Kunjom li jintuża mill-miżżewġin u mill-ulied tal-familja.

4. (1) Il-miżżewġin għandhom maż-żwieġ jieħdu l-kunjom tar-raġel u martu tista' żżid kunjom xbubitha miegħu.

(2) Il-mara tista', minflok, tagħżel li żżomm kunjom xbubitha li warajh tista' żżid kunjom żewġha.

(3) Ulied iż-żwieġ jieħdu kunjom missierhom, li warajh jistgħu jżidu kunjom xbubit ommhom.

(4) Jekk il-mara jkollha l-ħsieb li żżomm kunjom xbubitha wara ż-żwieġ hija għandha, qabel iż-żwieġ, hekk tiddikjara l-ħsieb tagħha qabel il-pubblikazzjoni tat-tnidijiet skond l-Att dwar iż-Żwieġ u għandha tissottoskrivi d-dikjarazzjoni relattiva fl-Att taż-Żwieġ. Dik id-dikjarazzjoni tkun irrevokabbli.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 6 tal-Kodiċi.

4. Minflok l-artikolu 6 tal-Kodiċi, għandhom jidħlu l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Meta jintemm id-dmir għall-manteniment.

6. Id-dmir ta' manteniment ta' parti fiż-żwieġ lejn il-parti l-oħra jintemm jekk il-parti l-oħra, wara li tkun telqet mid-dar taż-żwieġ, bla raġuni xierqa ma tkunx trid tmur lura fid-dar.

Nuqqas ta' qbil bejn il-miżżewġin.

6A. (1) Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-miżżewġin kull parti tista' tirreferi l-kwistjoni għall-għajnuna tal-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja u l-imħallef li jippresjedi għandu, wara li jisma' lill-miżżewġin u jekk jidhirlu xieraq lil kull wild 'il fuq mill-età ta' erbatax-il sena li jkunu joqogħdu mal-miżżewġin, jipprova jwassal għal ftehim bi qbil dwar dik il-kwistjoni.

(2) Meta dak il-ftehim bi qbil ma jintlaħaqx u l-kwistjoni tkun dwar fejn tkun id-dar taż-żwieġ jew il-bdil tagħha jew dwar kwistjonijiet oħra ta' importanza fondamentali, l-imħallef li jippresjedi għandu, jekk hekk mitlub espressament miż-żewġ partijiet fiż-żwieġ flimkien, jiddeċiedi l-kwistjoni hu nnifsu billi jipprovdi soluzzjoni li fil-fehma tiegħu tkun l-aħjar fl-interessi tal-familja u tal-ħajja tal-familja.

(3) Ma jkunx hemm appell mid-deċiżjoni ta' l-imħallef li jippresjedi f'dan il-każ.".

Sostituzzjoni ta' l-intestatura tas-Sub-Titolu II tat-Titolu I ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi.

**5.** Minflok l-intestatura tas-Sub-Titolu II tat-Titolu I ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi, għandha tidħol l-intestatura li ġejja:

"FUQ IL-JEDDIJIET U D-DMIRIJIET BEJN AXXENDENTI, DIXXENDENTI U AĦWA".

Emenda ta' l-artikolu 7 tal-Kodiċi.

**6.** Minflok is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 7 tal-Kodiċi għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, igħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi.".

Sostituzzjoni ta' l-artikoli 9, 10 u 11 tal-Kodiċi.

**7.** Minflok l-artikoli 9, 10 u 11 tal-Kodiċi għandu jidħol dan li ġej:

"Dmirijiet tal-miżżewġin lejn xulxin fl-għoti ta' manteniment.

9. Parti fiż-żwieġ ma tistax ma tagħtix l-appoġġ morali tagħha lill-parti l-oħra fit-twettiq ta' kull obbligu li dik il-parti l-oħra jkollha lejn id-dixxendenti jew l-axxendenti tagħha.".

Emenda ta' l-artikolu 12 ta' dan il-Kodiċi.

**8.** Minflok il-paragrafi minn (b) sa (ħ) ta' l-artikolu 12 tal-Kodiċi, għandu jidħol dan li ġej:

"(b) il-ġenituri;

(ċ) l-axxendenti l-oħra, fl-ordni kif huma mil-liġi msejħa għall-wirt ta' dik il-persuna.".

Emenda ta' l-artikolu 14 tal-Kodiċi.

**9.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 14 tal-Kodiċi minflok il-kliem minn "fl-artikolu 12:" sal-kliem "fi grad wieħed" għandhom jidħlu l-kliem "fl-artikolu 12".

Emenda ta' l-artikolu 16 tal-Kodiċi.

**10.** L-artikolu 16 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu l-kliem "jew bi żwieġ" għandhom jitħassru; u

(b) fil-proviso għas-subartikolu 2 tiegħu minflok il-kliem "l-missier, l-omm" għandhom jidħlu l-kliem "l-ġenituri".

Emenda ta' l-artikolu 17 tal-Kodiċi.

**11.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 17 tal-Kodiċi, il-kliem "il-qarib bi żwieġ jew" għandhom jitħassru.

Tħassir ta' l-artikolu 18 tal-Kodiċi.

**12.** L-artikolu 18 tal-Kodiċi għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 19 tal-Kodiċi.

**13.** Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 19 tal-Kodiċi, minflok il-kliem "l-ispejjeż meħtieġa għall-edukazzjoni tagħhom" għandhom jidħlu l-kliem "l-ispejjeż meħtieġa għas-saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom"; u fis-subartikolu (1) ta' l-istess artikolu, minflok il-kliem "l-ikel, l-ilbies u l-abitazzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "l-ikel, l-ilbies, is-saħħa u l-abitazzjoni".

Emenda ta' l-artikolu 24 tal-Kodiċi.

**14.** Fl-artikolu 24 tal-Kodiċi, il-kliem "jew bi żwieġ" għandhom jitħassru.

Tħassir ta' l-artikolu 26 tal-Kodiċi.

**15.** L-artikolu 26 tal-Kodiċi għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 27 tal-Kodiċi.

**16.** L-artikolu 27 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-kliem "jew għad-dota" fin-nota marġinali li hemm għalih għandhom jitħassru; u

(b) fis-subartikolu (1) tiegħu:

(i) il-kliem ", u l-obbligu tal-ġenituri jew tan-nannu li jiddotaw lil binthom jew lil bint uliedhom," għandhom jitħassru; u

(ii) minflok il-kliem "l-obbligu l-wieħed jew l-ieħor, jew iż-żewġ obbligi huma stabbiliti" għandhom jidħlu l-kliem "dak l-obbligu huwa stabbilit" u minflok il-kliem "mill-obbligu jew mill-obbligi hawn fuq imsemmija" għandhom jidħlu l-kliem "mill-obbligu hawn fuq imsemmi".

Emenda ta' l-artikolu 29 tal-Kodiċi.

**17.** Fl-artikolu 29 tal-Kodiċi, minflok il-kliem "l-obbligu jew obbligi" kull fejn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "l-obbligu".

Tħassir ta' l-artikoli 30 u 31 tal-Kodiċi.

**18.** L-artikoli 30 u 31 tal-Kodiċi għandhom jitħassru.

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 32 tal-Kodiċi.

**19.** Minflok l-artikolu 32 tal-Kodiċi għandu jidħol dan li ġej:

"Raġunijiet li għalihom il-ġenituri jistgħu jiċħdu l-manteniment ta' wliedhom.

32. Minbarra r-raġuni msemmija fl-artikolu 27, ġenituri jew axxendenti oħra jistgħu jiċħdu l-manteniment lit-tfal jew dixxendenti oħra għal kull waħda mir-raġunijiet li għalihom dixxendent jista' jiġi diżeredat minn axxendent.".

Emenda ta' l-artikolu 33 tal-Kodiċi.

**20.** Fl-artikolu 33 tal-Kodiċi, minflok il-kliem "lil ħuha, lil oħtha, jew lil qarib bi żwieġ" għandhom jidħlu l-kliem "lil ħuha jew lil oħtha".

Sostituzzjoni ta' l-intestatura tas-Sub-Titolu III tat-Titolu I ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi.

**21.** Minflok l-intestatura tas-Sub-Titolu III tat-Titolu I ta' l-EWWEL KTIEB tal-Kodiċi għandu jidħol dan li ġej:

"FUQ FIRDA PERSONALI".

Emenda ta' l-artikolu 35 tal-Kodiċi.

**22.** Minflok il-kliem "Bil-firda tar-raġel u l-mara minn xulxin" li hemm fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 35, għandhom jidħlu l-kliem "Bil-firda personali".

Emenda ta' l-artikolu 36 tal-Kodiċi.

**23.** Fl-artikolu 36 tal-Kodiċi, minflok il-kliem "Il-firda" għandhom jidħlu l-kliem "Il-firda personali".

Emenda ta' l-artikolu 37 tal-Kodiċi.

**24.** Minnufih wara s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 37 tal-Kodiċi, għandu jiżdied is-subartikolu li ġej:

"(3) Iżda meta l-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja tagħti s-setgħa li ssir kawża għal firda personali għal xi waħda mir-raġunijiet. imsemmija f'dan is-Sub-Titolu, kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' tagħmel kawża quddiem il-qorti ta' ġurisdizzjoni kontenzjuża għall-firda personali jew kontro-talba, għall-istess raġunijiet jew għal kull raġuni oħra hawn fuq imsemmija daqslikieku dik is-setgħa ngħatat liż-żewġ partijiet għar-raġunijiet kollha msemmija.".

Sostituzzjoni ta' l-artikoli 38 u 39 tal-Kodiċi.

**25.** Minflok l-artikoli 38 u 39 tal-Kodiċi għandu jidħol dan li ġej:

"Adulterju.

38. Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 41 tal-Kodiċi.

**26.** Minflok l-artikolu 41 tal-Kodiċi għandu jidħol dan li ġej:

"Abbandun.

41. Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba.".

Emenda ta' l-artikolu 42 tal-Kodiċi.

**27.** Fit-test Ingliż tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 42 tal-Kodiċi, il-kliem "from bed and board" għandhom jitħassru.

Sostituzzjoni ta' l-artikoli 46 u 47 tal-Kodiċi.

**28.** Minflok l-artikoli 46 u 47 tal-Kodiċi, għandu jidħol dan li ġej:

"Dar taż-żwieġ *pendente lite*.

46. Fiż-żmien li tkun miexja l-kawża tal-firda, kull waħda mill-partijiet, sew jekk attriċi jew konvenuta, tista' titlaq mid-dar taż-żwieġ u tista', sew jekk tkun telqet mid-dar taż-żwieġ u sew jekk le, titlob lill-qorti biex tiddeċiedi liema waħda mill-partijiet għandha toqgħod fid-dar taż-żwieġ sakemm tkun miexja dik il-kawża.

Manteniment *pendente lite*.

46A. Fiż-żmien li tkun miexja l-kawża tal-firda, kull waħda mill-partijiet, sew jekk attriċi jew konvenuta, tista' titlob mingħand il-parti l-oħra somma għall-manteniment skond il-bżonnijiet tagħha u skond il-mezzi tal-parti l-oħra, u meta jitqiesu wkoll iċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tal-partijiet.

Ħsieb ta' l-ulied.

47. Fiż-żmien li tkun miexja l-kawża l-qorti għandha tagħti dawk l-ordnijiet dwar min jieħu ħsieb it-tfal kif jidhrilha xieraq, u meta tkun qed tagħmel hekk għandha tqis bħala l-iktar konsiderazzjoni importanti l-ġid ta' l-ulied.".

Emenda ta' l-artikolu 48 tal-Kodiċi.

**29.** Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 48 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "fl-artikoli 38, 39 u 41" għandhom jidħlu l-kliem "fl-artikoli 38 u 41";

(b) fil-paragrafu (a) tiegħu minflok il-kliem "fl-artikoli 631, 633," għandhom jidħlu l-kliem "fl-artikoli 631, 633, 633A, "; u

(ċ) minflok il-paragrafu (ċ) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs ta' l-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skond l-artikolu 3 ta' dan il-Kodiċi.".

Tħassir ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi.

**30.** L-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikoli 51 u 52 tal-Kodiċi.

**31.** Fl-artikolu 51 tal-Kodiċi minflok il-kliem "fl-artikoli 48, 49 u 50 rispettivament" għandhom jidħlu l-kliem "fl-artikolu 48", u minflok il-kliem "ta' dawk l-artikoli" għandhom jidħlu l-kliem "ta' dak l-artikolu"; u fl-artikolu 52 tal-Kodiċi, minflok il-kliem "l-artikoli 48, 49 u 50" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 48".

Sostituzzjoni ta' l-artikoli minn 54 sa 56 tal-Kodiċi.

**32.** Minflok l-artikoli minn 54 sa 56 tal-Kodiċi għandu jidħol dan li ġej:

"Obbligu tal-manteniment.

54. (1) Il-parti li kontra tagħha tinqata' l-firda mhix meħlusa, minħabba dik il-firda, mill-obbligu tal-manteniment tal-parti l-oħra, meta dan il-manteniment ikollu jingħata skond id-dispożizzjonijiet tas-Sub-Titolu I ta' dan it-Titolu.

(2) L-ammont ta' dak il-manteniment jiġi stabbilit billi jitqiesu l-mezzi tal-parti li tkun obbligata li tagħti manteniment u l-bżonnijiet tal-parti l-oħra, wara li jitqiesu wkoll iċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tal-partijiet.

(3) Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, meta tiġi deċiża l-firda, il-qorti tista', jekk hekk jidhrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi, tordna lill-parti responsabbli għall-manteniment li tħallas lill-parti l-oħra, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali, li fil-fehma tal-qorti tkun biżżejjed sabiex il-parti li jkollha tirċievi l-manteniment tkun finanzjarjament indipendenti jew inqas dipendenti mill-parti l-oħra, skond il-każ.

(4) Għall-finijiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, il-qorti għandha, fost iċ-ċirkostanzi, tqis il-possibilità li l-persuna li lilha għandu jitħallas manteniment tkunx tista' tirċievi taħriġ jew taħriġ mill-ġdid fi professjoni, arti, sengħa jew ħidma oħra, jew biex tibda jew tkompli ħidma li toħloq dħul ta' flus, u tordna l-ħlas ta' somma globali għal dak l-iskop.

(5) Il-qorti tista' tordna, skond iċ-ċirkostanzi, li l-ħlas tas-somma globali msemmija fis-subartikoli ta' qabel ta' dan l-artikolu jsir f'għadd ta' skadenzi ndaqs jew mhux indaqs mifruxa fuq perijodu ta' żmien xieraq.

(6) Il-qorti tista' wkoll tordna li, minflok dik is-somma globali, imsemmija fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, kollha jew parti minnha, il-parti li jkollha tħallasha tagħti lill-parti l-oħra proprjetà b'titolu ta' proprjetà jew użufrutt, jew għall-użu jew abitazzjoni.

(7) Meta jkun hemm tibdil li jiġri wara fil-mezzi tal-parti responsabbli għall-manteniment jew il-bżonnijiet tal-parti l-oħra, il-qorti tista', fuq it-talba ta' kull waħda mill-partijiet, tordna li dak il-manteniment jinbidel jew jitwaqqaf skond il-każ. Iżda, meta tkun tħallset somma globali jew tkun ingħatat proprjetà b'sodisfazzjon totali ta' l-obbligu ta' parti li tħallas manteniment lill-parti l-oħra, ir-responsabbiltà kollha ta' l-ewwel parti għall-manteniment tat-tieni parti tieqaf. Iżda meta s-somma globali tkun tħallset jew il-proprjetà tkun ingħatat bħala parti biss mill-imsemmi obbligu, il-qorti għandha, meta tordna l-ħlas tas-somma globali jew l-għoti tal-proprjetà, fl-istess ħin tistabbilixxi l-parti tal-manteniment li tkun hekk sodisfatta u kull tibdil li jiġri wara għandu f'dan il-każ ikun japplika biss għal dik il-parti li ma tkunx sodisfatta u fl-istess proporzjon għaliha.

Meta tieqaf il-komunjoni ta' l-akkwisti u l-komunjoni l-oħra taħt amministrazzjoni separata.

55. (1) Meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni ta' l-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konkluživa.

(2) Il-qorti tista' iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi.

(3) Kull ordni mogħti mill-qorti skond is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, jista', għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti.

Id-dar taż-żwieġ.

55A. (1) Meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha, fuq it-talba ta' xi waħda mill-partijiet, tiddeċiedi skond iċ-ċirkostanzi jekk xi parti minnhom għandhiex toqgħod fid-dar taż-żwieġ.

(2) Il-qorti tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet f'kull żmien, tibdel dik id-deċiżjoni jekk ikun hemm tibdil sostanzjali fiċ-ċirkostanzi.

(3) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3A ta' dan il-Kodiċi ma japplikax fir-rigward ta' miżżewġin li jkunu legalment separati, sakemm il-kuntrarju ma jkunx ġie miftiehem mill-miżżewġin jew ordnat mill-qorti li għandha l-ġurisdizzjoni li tagħti s-separazzjoni personali; u dak il-ftehim jew ordni ma jkollux seħħ kontra terzi ħlief mill-waqt li dak il-ftehim jew ordni jkun ġie mniżżel fir-Reġistru Pubbliku.

Ħsieb ta' l-ulied wara l-firda.

56. (1) Meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha wkoll tordna lil liema waħda mill-partijiet għandha tiġi fdata l-kustodja tat-tfal u l-konsiderazzjoni ewlenija tkun il-ġid ta' l-ulied.

(2) Il-qorti tista', jekk tqis li dawk il-miżuri jkunu tassew meħtieġa, u wara li tqis iċ-ċirkostanzi kollha rilevanti, tordna li l-ulied jitqegħdu taħt il-kustodja ta' terzi jew f'xorta oħra ta' kura.

(3) Il-qorti tista' tagħti dawk l-ordnijiet fis-sentenza tal-firda, għalkemm fl-azzjoni għaliha ma tkun saret ebda talba, dwar il-kustodja ta' l-ulied.

(4) Il-qorti tista', f'kull żmien, tirrevoka jew tibdel dawk l-ordnijiet dwar l-ulied, meta l-interessi ta' l-ulied hekk jitolbu.

(5) Il-qorti tista' barra dan, meta ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tistabbilixxi li xi ħadd mill-ġenituri jew it-tnejn ikunu mċħuda mill-jeddijiet ta' l-awtorità tal-ġenituri għal kollox jew f'parti.".

**33.** Fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 57 tal-Kodiċi, minflok il-kliem "għat-trobbija" għandhom jidħlu l-kliem "għall-ġid". Emenda ta' l-artikolu 57 tal-Kodiċi.

**34.** Minflok il-kliem "Il-firda tal-persuna bejn il-mara u r-raġel tista'," li hemm fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 59 tal-Kodiċi għandhom jidħlu l-kliem "Il-firda personali tista',". Emenda ta' l-artikolu 59 tal-Kodiċi.

**35.** Minflok l-artikolu 62 tal-Kodiċi għandu jidħol li ġej: Sostituzzjoni ta' l-artikolu 62 tal-Kodiċi.

"Kunjom il-mara wara s-separazzjoni.

62. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 4 ta' dan il-Kodiċi, il-mara tista' wara s-separazzjoni tagħżel li tirreverti għal kunjom xbubitha. F'każ ta' separazzjoni konsenswali, għandha ssir dikjarazzjoni dwar dik l-għażla fl-att pubbliku ta' separazzjoni, u f'każ ta' separazzjoni ġudizzjarja, il-mara għandha tagħmel dik id-dikjarazzjoni b'nota ppreżentata fl-atti tal-kawża qabel is-sentenza.

(2) Il-qorti tista' wkoll, fuq talba tar-raġel li tista' ssir f'kull żmien qabel is-sentenza, tipprojbixxi lill-mara milli tkompli tuża kunjom żewġha wara s-separazzjoni, meta dak l-użu jista' jkun ta' preġudizzju gravi lir-raġel.

Effetti kwantu għat-terzi tas-separazzjoni personali.

62A. Is-separazzjoni personali ma għandha ebda effett kontra t-terzi ħlief minn dak in-nhar li s-sentenza jew il-kuntratt, skond il-każ, jiġu mniżżla fir-Reġistru Pubbliku. Kull reġistrazzjoni bħal dik għandha tinkludi riferenza għal kull dikjarazzjoni jew projbizzjoni dwar il-kunjom tal-mara wara s-separazzjoni.".

**36.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 64 tal-Kodiċi, minflok il-kliem "Il-fatt biss li r-raġel u l-mara mifrudin imorru minn rajhom igħammru flimkien" għandhom jidħlu l-kliem "Jekk ir-raġel u l-mara mifrudin imorru minn rajhom igħammru flimkien". Emenda ta' l-artikolu 64 tal-Kodiċi.

**37.** Minflok l-artikoli minn 70 sa 72 tal-Kodiċi, għandu jidħol dan li ġej: Sostituzzjoni ta' l-artikoli minn 70 sa 72 tal-Kodiċi.

"Meta raġel jista' jiċħad li jagħraf it-tifel.

70. (1) Ir-raġel jista' jiċħad li jagħraf it-tifel imnissel matul iż-żwieġ —

(a) jekk jipprova illi, fiż-żmien bejn it-tliet mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tifel, hu kien fl-impossibbiltà fiżika li jgħammar ma' martu minħabba li kien bogħod minnha, jew minħabba xi aċċident ieħor; jew

(b) jekk, fiż-żmien hawn fuq imsemmi, kien mifrud *de facto* jew legalment minn martu:

Iżda ma jistax jiċħad lit-tifel jekk matul dak iż-żmien ikun reġa' ngħaqad ma' martu, ukoll jekk temporanjament; jew

(ċ) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi kien milqut b'impotenza, ukoll jekk dik l-impotenza kienet waħda fit-tnissil; jew

(d) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi martu kienet għamlet adulterju jew kienet ħbiet it-tqala u t-twelid tat-tarbija, u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor (li jista' wkoll ikun testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi) li x'aktarx jeskludu dik il-paternità.

(2) Id-dikjarazzjoni biss ta' l-omm fis-sens li żewġha mhux missier it-tifel ma tkunx biżżejjed biex teskludi l-paternità tar-raġel.

(3) Il-qorti tista', f'kawża għaċ-ċaħda tal-għarfien tat-tarbija, tistieden lill-partijiet kollha jew xi waħda minnhom, kif ukoll lill-wild li l-filjazzjoni tiegħu tkun fid-dubju, sabiex joqogħdu għall-eżamijiet meħtieġa biex tiġi stabbilita kull prova ġenetika li jkollha x'taqsam mal-każ. Il-qorti jkollha l-jedd li tasal għal dawk il-konklużjonijiet li jistgħu jkunu ġustifikati jekk parti ma tkunx trid tagħmel dawk l-eżamijiet. Meta t-tifel li dwar il-filjazzjoni tiegħu jkun hemm kwistjoni jkun minuri, il-qorti stess għandha tistabbilixxi jekk it-tifel jagħmilx l-eżamijiet.".

Emenda ta' l-artikolu 73 tal-Kodiċi.

**38.** Fl-artikolu 73 tal-Kodiċi, minflok il-kliem "tliet xhur" kull fejn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "sitt xhur".

Emenda ta' l-artikolu 74 tal-Kodiċi.

**39.** Fl-artikolu 74 tal-Kodiċi, minflok il-kliem "tliet xhur" kull fejn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "sitt xhur".

Emenda ta' l-artikolu 77 tal-Kodiċi.

**40.** Minflok in-nota marġinali għall-artikolu 77 tal-Kodiċi, għandhom jidħlu l-kliem "Impossibbiltà fiżika ta' raġel li jgħammar ma' martu".

Emenda ta' l-artikolu 90 tal-Kodiċi.

**41.** L-artikolu 90 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jitħassar;

(b) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi numerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (2) tiegħu; u

(ċ) fis-subartikolu (2) tiegħu kif numerat mill-ġdid minflok il-kliem "li l-omm, u mhux il-missier għandha teżerċita" għandhom jidħlu l-kliem "li wieħed jew waħda biss mill-ġenituri jeżerċita jew teżerċita".

Emenda ta' l-artikolu 92 tal-Kodiċi.

**42.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 92 tal-Kodiċi, minflok il-kliem "l-kunjom tal-missier" għandhom jidħlu l-kliem "l-kunjom tal-missier, li miegħu jista' jżid il-kunjom ta' l-omm".

Emenda ta' l-artikolu 93 tal-Kodiċi.

**43.** Minflok is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 93 tal-Kodiċi għandu jidħol dan li ġej:

"(2) L-istess obbligu għandu l-missier lejn id-dixxendenti leġittimi ta' iben jew bint illeġittimi li jmutu qablu, jekk il-ġenitur tagħhom li jibqa' ħaj jew l-axxendenti leġittimi tagħhom ma jkunux fi stat li jistgħu jagħtu l-manteniment.".

**44.** Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 96 tal-Kodiċi għandu jitħassar u s-subartikolu (1) li hemm għandu jinżamm bħala l-artikolu sħiħ. Emenda ta' l-artikolu 96 tal-Kodiċi.

**45.** Fl-artikolu 97 tal-Kodiċi minflok il-kliem "il-missier" għandhom jidħlu l-kliem "il-ġenitur". Emenda ta' l-artikolu 97 tal-Kodiċi.

**46.** Minnufih wara l-artikolu 100 tal-Kodiċi għandu jidħol l-artikolu li ġej: Żieda ta' l-artikolu 100A mal-Kodiċi.

"Prova ġenetika.

100A. F'kawżi li għalihom jagħmel riferenza l-artikolu ta' qabel dan, il-qorti tista', bla preġudizzju għal kull prova li jistgħu jġibu l-partijiet skond il-liġi, tistieden lill-partijiet biex jissottomettu għal eżamijiet kif imsemmija fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 70, u bl-istess mod u fl-istess ċirkostanzi tkun tista', f'każ ta' rifjut, tasal għal dawk il-konklużjonijiet kif imsemmija fl-istess subartikolu.".

**47.** Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 110 tal-Kodiċi, minflok il-kliem "l-kunjom tal-missier" għandhom jidħlu l-kliem "l-kunjom tal-missier li miegħu jista' jiżdied il-kunjom ta' l-omm.". Emenda ta' l-artikolu 110 tal-Kodiċi.

**48.** Il-proviso li hemm għall-paragrafu (a) ta' l-artikolu 121 tal-Kodiċi għandu jitħassar. Emenda ta' l-artikolu 121 tal-Kodiċi.

**49.** Minflok l-artikolu 131 tal-Kodiċi għandu jidħol dan li ġej: Sostituzzjoni ta' l-artikolu 131 tal-Kodiċi.

"L-iben suġġett għas-setgħa tal-ġenituri.

131. (1) L-iben huwa suġġett għas-setgħa tal-ġenituri tiegħu għall-effetti kollha kif stabbiliti bil-liġi.

(2) Ħlief f'dawk il-każijiet stabbiliti bil-liġi, din is-setgħa tkun eżerċitata bi ftehim bejn iż-żewġ ġenituri. Wara l-mewt ta' wieħed mill-ġenituri, din tkun eżerċitata mill-ġenitur li jibqa' ħaj.

(3) F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri dwar ħwejjeġ ta' mportanza partikolari, kull wieħed mill-ġenituri jista' jirrikorri għall-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja fejn juri dawk id-direzzjonijiet li fil-fehma tiegħu jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi.

(4) Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-ġenituri u lit-tifel jekk dan ikun laħaq l-età ta' erbatax-il sena, għandha tagħmel dawk is-suġġerimenti li jidhrilha l-aħjar fl-interessi tat-tifel u l-għaqda tal-familja. Jekk ikompli n-nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri, il-qorti għandha tawtorizza lill-ġenitur li fil-fehma tagħha jkun l-iktar xieraq li jħares l-interessi tat-tifel fil-każ partikolari, li jiddeċiedi l-kwistjoni, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 149.

(5) Fil-każ ta' periklu imminenti jew preġudizzju serju għat-tifel kull wieħed mill-ġenituri jista' jieħu dawk il-miżuri li huma urġenti u li ma jistgħux jistennew.

(6) Dwar terzi persuni *in bona fide*, kull waħda mill-partijiet fiż-żwieġ għandha titqies li għemilha kien bil-kunsens tal-parti l-oħra meta teżerċita għemil dwar awtorità tal-ġenituri dwar il-persuna tat-tifel.".

Emenda ta' l-artikolu 132 tal-Kodiċi.

**50.** L-artikolu 132 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "'l missieru" fis-subartikolu (1) tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "lill-ġenituri tiegħu"; u

(b) minflok is-subartikoli (2) u (3) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Bla ħsara għal kull dispożizzjoni oħra tal-liġi dwar l-ingaġġ f'xi forza dixxiplinata, l-iben ma jistax, mingħajr il-kunsens tal-ġenituri, jitlaq mid-dar tal-ġenituri, jew mid-dar li l-ġenituri tiegħu jkunu għażlulu.

(3) Meta l-iben jitlaq mid-dar mingħajr dan il-kunsens, il-ġenituri għandhom jedd isejħulu lura, u jekk ikun meħtieġ jitolbu l-għajnuna tal-Pulizija.".

Sostituzzjoni ta' l-artikoli minn 134 sa 136 tal-Kodiċi.

**51.** Minflok l-artikoli minn 134 sa 136 tal-Kodiċi għandu jidħol dan li ġej:

"Setgħa tal-Qorti li tawtorizza li tifel jitqiegħed taħt ħarsien alternattiv.

134. (1) Ġenituri li ma jirnexxilhomx irażżnu lil binhom jistgħu jneħħuh mill-familja, u jagħtuh, skond il-mezzi tal-ġenituri, dak il-manteniment li wieħed ma jistax jgħaddi mingħajru.

(2) F'kull każ bħal dan, il-ġenituri jistgħu wkoll, jekk ikun meħtieġ u malli jiksbu l-awtorizzazzjoni tal-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja, iqiegħdu lit-tifel, għaż-żmien imsemmi fid-digriet, f'xi forma oħra ta' ħarsien, li l-qorti fiċ-ċirkostanzi jidhrilha xierqa, sabiex huwa, bi spejjeż tal-ġenituri, jitħares u jinżamm b'dak il-mod li fil-fehma tal-qorti jkun iwassal għad-dixxiplina u għall-edukazzjoni tat-tifel.

(3) It-talba għal din is-setgħa tista' wkoll issir bil-fomm; u l-qorti għandha tagħti l-ordni meħtieġ għaldaqshekk mingħajr ebda formalità ta' proċeduri, u mingħajr ma tagħti raġunijiet għal dak l-ordni.

Il-ġenituri jidhru għall-ulied.

135. Il-ġenituri jidhru għall-uliedhom, imwielda jew le, fl-atti kollha tal-ħajja ċivili.

Setgħa tal-ġenituri biex jamministraw.

136. (1) Il-ġenituri flimkien jamministraw il-proprjetà ta' uliedhom, imwielda jew le, ħlief dik il-proprjetà li tiġi għand l-ulied bil-kondizzjoni li tkun amministrata biss minn wieħed mill-ġenituri jew minn terzi.

(2) Atti ta' amministrazzjoni ordinarja jistgħu, iżda, jitwettqu minn kull wieħed mill-ġenituri mingħajr l-intervent ta' l-ieħor.

(3) L-atti ta' amministrazzjoni straordinarja li għandhom jitwettqu miż-żewġ ġenituri flimkien jinkludu:—

(a) it-trasferiment ta' mobbli minnhom infushom, inkluż vetturi bil-mutur, sabiex il-prezz tagħhom ikun impjegat bi qliegħ;

(b) il-ġbid ta' kapitali li jkunu għalqu;

(ċ) l-għoti ta' jeddijiet personali għat-tgawdija minn proprjetà immobbli;

(d) l-aċċettazzjoni ta' wirt, legat jew donazzjoni f'isem it-tifel;

(e) il-qsim ta' ħwejjeġ mobbli minnhom infushom;

(f) atti li jeħtieġu l-awtorizzazzjoni tal-qorti skond is-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu.

(4) Il-ġenituri ma jistgħux jittrasferixxu ħwejjeġ immobbli jew ħwejjeġ mobbli għax hekk tqishom il-liġi u li jkunu proprjetà tat-tifel lanqas ma jistgħu jissellfu jew jagħmlu dejn ieħor f'ismu, jipotekaw jew iwiegħdu l-proprjetà tiegħu, jagħtuha b'garanzija, jidħlu f'xi kompromess, jew jissottomettu kwistjoni għal arbitraġġ, ħlief f'każ ta' bżonn, jew ta' ħtieġa ċara u bis-setgħa tal-qorti u f'kull każ bħal dan, il-qorti tista', fuq talba tal-ġenituri, tawtorizza lil wieħed mill-ġenituri biex jidher għat-tifel fuq l-att relattiv.

(5) Fil-każ ta' nuqqas ta' ftehim bejn il-ġenituri għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 131.".

**52.** L-artikolu 137 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 137 tal-Kodiċi.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "Il-missier għandu jaċċetta" għandhom jidħlu l-kliem "Il-ġenituri għandhom jaċċettaw"; u

(b) minflok is-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Jekk wieħed mill-ġenituri ma jkunx jista' jew ma jkunx irid jaċċetta dak il-wirt, il-wirt jista' jiġi aċċettat mill-ġenitur l-ieħor bis-setgħa tal-qorti. Jekk iż-żewġ ġenituri ma jkunux jistgħu jew ma jkunux iridu jaċċettaw dak il-wirt, il-qorti tista', fuq talba tat-tifel jew ta' xi ħadd minn qrabatu, tagħti s-setgħa għall-aċċettazzjoni tal-wirt jew lit-tifel innifsu, jekk ikun għalaq l-erbatax-il sena, jew xort'oħra lil kuratur speċjali li jinħatar mill-qorti.".

Emenda ta' l-artikolu 138 tal-Kodiċi.

**53.** Fl-artikolu 138 tal-Kodiċi, minflok il-kliem "minn missier" għandhom jidħlu l-kliem "minn kull wieħed mill-ġenituri".

Sostituzzjoni ta' l-artikoli 139 u 140 tal-Kodiċi.

**54.** Minflok l-artikoli 139 u 140 tal-Kodiċi, għandu jidħol dan li ġej:

"F'każ li l-interessi ta' xulxin ma jaqblux.

139. Fil-każ li l-interessi tat-tfal ma jkunux jaqblu ma' xulxin, jew ma' ta' xi wieħed mill-ġenituri tagħhom, il-qorti kompetenti għandha, skond iċ-ċirkostanzi, taħtar kuratur speċjali wieħed jew aktar:

Iżda kull wieħed mill-ġenituri jista' jirrifjuta li jidher għal wieħed mit-tfal kontra l-ieħor jew kontra l-ġenitur l-ieħor.

Il-ġenituri jagħtu kont ta' l-amministrazzjoni.

140. (1) Il-ġenituri għandhom jagħtu lit-tifel, meta dan isir ta' l-età, kont tal-proprjetà u ta' l-utili ta' dawk il-beni li tagħhom ma jkollhomx użufrutt; u tal-proprjetà biss u ta' l-amministrazzjoni tagħha, tal-beni li tagħhom il-ġenituri jkollhom l-użufrutt legali.

(2) Jekk is-setgħa tal-ġenituri tispiċċa qabel ma t-tifel isir ta' l-età, il-ġenituri għandhom jagħtu dan il-kont dak inhar li tispiċċa din is-setgħa.

(3) Bla ħsara għal kull responsabbiltà tal-ġenitur, kull wieħed mill-ġenituri jista' jagħti dak il-kont ukoll f'isem il-ġenitur l-ieħor.".

Emenda ta' l-artikolu 141 tal-Kodiċi.

**55.** L-artikolu 141 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "il-missier għandu" fin-nota marġinali li hemm għalih, għandhom jidħlu l-kliem "il-ġenituri għandhom";

(b) minflok il-kliem "Il-missier għandu" fis-subartikolu (1) tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "Il-ġenituri għandhom"; u

(ċ) minflok il-kliem "Hu jżomm" fis-subartikolu (2) tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "Huma jżommu".

Emenda ta' l-artikolu 142 tal-Kodiċi.

**56.** L-artikolu 142 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-paragrafu (a) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(a) il-beni mħollija jew mogħtija lit-tifel bil-kondizzjoni li l-ġenituri jew wieħed minnhom ma jkollhomx l-użufrutt tagħhom:

Iżda din il-kondizzjoni ma tiswix dwar dawk il-beni li jmissu lit-tifel bħala leġittima:

Iżda wkoll, meta l-beni jitħallew jew jingħataw lit-tifel bil-kondizzjoni li wieħed biss mill-ġenituri ma jkollux l-użufrutt ta' dawk il-beni, dawk il-beni jkunu suġġetti għall-użufrutt tal-ġenitur l-ieħor, b'dan illi f'kull każ bħal dan, l-utili ta' dawk il-beni m'għandhomx jidħlu f'komunjoni ta' l-akkwisti li jista' jkun hemm bejn il-ġenitur li jkun iġawdi l-użufrutt u l-ġenitur li jkun eskluż minn dak l-użufrutt:"; u

(b) minflok il-paragrafu (ċ) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(ċ) il-beni li jgħaddu għand it-tifel b'wirt, b'legat jew b'donazzjoni, meta dak il-wirt, legat jew donazzjoni jkunu aċċettati fl-interessi tat-tifel kontra r-rieda tal-ġenituri:

Iżda meta dawk il-beni jkunu aċċettati f'isem it-tifel minn ġenitur wieħed kontra r-rieda tal-ġenitur l-ieħor, dawk il-beni jkunu biss suġġetti għall-użufrutt ta' dak il-wieħed mill-ġenituri li jkun aċċetta; b'dan illi f'kull każ bħal dan, l-utili ta' dawk il-beni m'għandhomx jidħlu f'komunjoni ta' l-akkwisti li jista' jkun hemm bejn il-ġenitur li jkun aċċetta dak il-wirt, legat jew donazzjoni kif intqal qabel, u l-ġenitur l-ieħor li ma jkunx hekk aċċetta;".

**57.** Fl-artikolu 143 tal-Kodiċi u fin-nota marġinali tiegħu, minflok il-kelma "missier" kull fejn tinsab, għandha tidħol il-kelma "ġenitur". Emenda ta' l-artikolu 143 tal-Kodiċi.

**58.** L-artikolu 144 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 144 tal-Kodiċi.

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(1) L-użufrutt tal-ġenituri jispiċċa bil-mewt tat-tifel jew billi l-ġenituri jew il-ġenituri adottivi skond il-każ, jiżżewġu jew jerġgħu jiżżewġu."; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu li ġej:

"(3) Meta l-użufrutt jintemm dwar biss wieħed mill-ġenituri, l-utili tal-beni suġġetti għal dak l-użufrutt m'għandhomx jidħlu f'komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-ġenitur li dwaru l-użufrutt ma jkunx intemm u l-ġenitur li dwaru dan ikun intemm.".

**59.** Minflok l-artikoli minn 145 sa 148 tal-Kodiċi għandu jidħol dan li ġej: Sostituzzjoni ta' l-artikoli minn 145 sa 148 tal-Kodiċi.

"Meta ġenituri jkomplu jgawdu beni meta jintemm l-użufrutt.

145. Jekk jintemm l-użufrutt, u l-ġenituri, jew xi wieħed minnhom, ikomplu jew ikompli jgawdu l-beni tat-tifel li jkun joqgħod mal-ġenituri jew ma' xi wieħed minnhom mingħajr setgħa iżda mingħajr oppożizzjoni min-naħa tat-tifel, inkella bis-setgħa iżda mingħajr il-kondizzjoni espressa li jingħata l-kont ta' l-utili, dawk il-ġenituri jew ġenitur jew il-werrieta ta' dawk il-ġenituri jew dak il-ġenitur, skond il-każ, ma jkollhomx ħlief li jgħaddu l-utili li jkun hemm fiż-żmien tat-talba, mingħajr l-obbligu li jagħtu kont ta' dawk l-utili li sa dak iż-żmien setgħu kienu ikkunsmati.

Mewt ecc. ta' wieħed mill-ġenitri.

146. (1) Jekk wieħed mill-ġenituri jmut, is-setgħa tal-ġenituri tgħaddi biss għand il-ġenitur li jibqa' ħaj dwar it-tfal tiegħu u l-beni tagħhom, magħduda beni li jgħaddu għand it-tfal mill-beni tal-ġenitur mejjet u minn kull kawża oħra wara li jkun miet l-ewwel ġenitur.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw ukoll meta wieħed mill-ġenituri jkun tilef jew tneħħitlu s-setgħa ta' ġenitur, jew ma jkunx jista', minħabba li jkun nieqes jew minħabba impediment ieħor, jeżerċità l-jeddijiet tas-setgħa ta' ġenitur.

(3) Jekk wieħed mill-ġenituri jkun tneħħielu biss il-jedd ta' l-użufrutt, dak il-jedd jgħaddi għand il-ġenitur i-ieħor waħdu.

(4) Meta wieħed mill-ġenituri jitneħħielu l-użufrutt, l-utili ta' dak l-użufrutt m'għandux jidħol f'xi komunjoni ta' l-akkwisti li jkun hemm bejn dak il-ġenitur u l-ġenitur l-ieħor li ma jkunx tneħħielu l-użufrutt.

Meta ġenitur jerġa' jiżżewweġ u jkompli jamministra l-proprjetà.

147. (1) Jekk wieħed mill-ġenituri, meta jerġa' jiżżewweġ, ikompli jamministra l-proprjetà ta' uliedu, sew jekk ikompli jeżerċita l-jedd tas-setgħa tal-ġenitur u sew jekk le, żewġ jew mart il-ġenitur ikun responsabbli *in solidum* għall-amministrazzjoni kemm ta' qabel kif ukoll ta' wara.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu japplikaw għal ġenitur adottiv meta jiżżewweġ jew meta jerġa' jiżżewweġ.".

Emenda ta' l-artikolu 150 tal-Kodiċi.

**60.** L-artikolu 150 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-paragrafu (d) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(d) jekk it-tifel, bil-kunsens tal-ġenituri, jitlaq mid-dar tal-ġenituri u jmur jgħix għal rasu;"; u

(b) fil-paragrafu (e) tiegħu, minflok il-kliem "jekk il-missier jonqos li jagħmel" għandhom jidħlu l-kliem "jekk il-ġenituri jonqsu li jagħmlu", u minnufih wara l-kliem "fl-artikoli 2038 u 2039;" għandhom jidħlu l-kliem "hekk iżda meta wieħed biss mill-ġenituri jkun naqas li jagħmel dik ir-reġistrazzjoni, is-setgħa tal-ġenituri ma tispiċċax dwar il-ġenitur li ma jkunx hekk naqas;".

Emenda ta' l-artikolu 151 tal-Kodiċi.

**61.** Fl-artikolu 151 tal-Kodiċi u fin-nota marġinalı għalih, minflok il-kelma "missier" kull fejn tinstab għandha tidħol il-kelma "ġenitur".

Emenda ta' l-artikolu 152 tal-Kodiċi.

**62.** Minflok il-kelma "missier" kull fejn tinstab fl-artikolu 152 tal-Kodiċi u fin-nota marġinali għalih, għandha tidħol il-kelma "ġenitur".

Emenda ta' l-artikolu 153 tal-Kodiċi.

**63.** Fl-artikolu 153 tal-Kodiċi u fin-nota marġinali li hemm għalih, minflok il-kelmą "missier" kull fejn tinsab, għandha tidħol il-kelma "ġenitur".

**64.** L-artikolu 154 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 154 tal-Kodiċi.

(a) minflok il-kelma "missier" kull fejn tinsab, għandha tidħol il-kelma "ġenitur";

(b) fil-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "it-tifel", għandhom jidħlu l-kliem "it-tifel;"; u

(ċ) minnufih wara l-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol il-paragrafu li ġej:

"(e) jekk il-ġenitur jonqos li jaqdi xi wieħed mill-obbligi msemmija fl-artikolu 3B favur it-tifel.".

**65.** L-artikolu 251 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 251 tal-Kodiċi.

(a) minflok il-kliem "il-Formoli I, J, K, L, M, N, O u P" li hemm fis-subartikolu (2) tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "il-Formoli I, J, K, L, O u P";

(b) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(2A) (a) Estratti ta' atti tat-twelid u ta' reġistrazzjonijiet fir-reġistru ta' persuni adottati għandhom jinħarġu fuq il-Formoli I jew J murija fit-Taqsima II ta' l-Iskeda li tinsab ma' dan il-Kodiċi.

(b) Għall-finijiet ta' l-estratti maħruġa skond il-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu registrazzjonijiet fir-reġistru ta' persuni adottati jingħataw numru konsekuttiv li jkompli ma' l-aħħar numru ta' l-atti tat-twelid reġistrati fis-sena tat-twelid tal-persuna adottata, jew wieħed minn dawk in-numri mħolli għal hekk mid-Direttur u li jkun relattiv għas-sena tat-twelid tal-persuna adottata, liema numri ma jingħatawx lil atti tat-twelid. L-imsemmija sena għandha wkoll tkun indikata.

(ċ) Il-fatt li numri jkunu, skond il-paragrafu (b) ta' dan is-subartikolu, imħollija għar-reġistrazzjoni ta' persuni adottati, ikun sigriet u konfidenzjali. Lista ta' dawk in-numri għandha tingħata biss lid-dipartiment tal-Gvern li għandu x'jaqsam man-nazzjonalità, lill-Uffiċċju tal-Passaporti, lill-Kummissjoni Elettorali u lir-Reġistratur taż-Żwieġ li jkunu marbutin bl-istess segretezza u konfidenzjalità."

**66.** Minflok il-paragrafu (f) ta' l-artikolu 623 tal-Kodiċi, għandu jidħol dan li ġej:

Emenda ta' l-artikolu 623 tal-Kodiċi.

"(f) jekk, fil-każ ta' iben jew bint jew dixxendent ieħor, hu jew hi tagħmilha ta' prostituta pubblika mingħajr konnivenza tat-testatur.".

Emenda ta' l-artikolu 631 tal-Kodiċi.

**67.** Minflok il-kliem "Min mir-raġel" li hemm fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 631 tal-Kodiċi, għandhom jidħlu l-kliem "Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 633A, min mir-raġel".

Żieda ta' artikolu ġdid 633A mal-Kodiċi.

**68.** Minnufih wara l-artikolu 633 tal-Kodiċi, għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Jedd ta' abitazzjoni.

633A. (1) Min jibqa' ħaj mill-miżżewġin ikollu jedd li jabita fil-post li jkun jintuża bħala r-residenza prinċipali ta' dak li jibqa' ħaj meta tmut il-parti l-oħra, meta dak il-post ikun proprjetà assolutà ta' jew miżmum b'enfitewsi mill-parti li tmut jew waħedha jew flimkien ma' min jibqa' ħaj.

(2) Kemm mill-post hu suġġett għall-jedd ta' abitazzjoni ma jkunx limitat minħabba li, wara l-mewt ta' l-ewwel parti, il-parti l-oħra tkun teħtieġ parti nqas mill-post.

(3) Għall-finijiet ta' l-artikolu 631 ta' dan il-Kodiċi l-post li jkun suġġett għall-jedd ta' abitazzjoni taħt dan l-artikolu jitħalla barra mill-wirt tal-parti li tmut li fuqu l-parti li tibqa' ħajja jkollha l-użufrutt tan-nofs.

(4) Fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 633, il-jedd imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jkun b'żieda mal-jedd tal-parti li tibqa' ħajja mogħti bl-imsemmi artikolu 633.

(5) Il-jedd mogħti bis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jgħodd ukoll meta dak il-jedd ikollu l-effett li jnaqqas, matul il-ħajja tal-parti li tibqa' ħajja, il-leġittima jew xi sehem mill-mewt tal-parti li tmut riżervata għal xi persuna oħra.

(6) Meta kreditur tal-parti li tmut jinforza l-jedd tiegħu fuq il-post li jkun suġġett għall-jedd taħt dan l-artikolu, jew meta l-werrieta li jkunu aċċettaw il-wirt bil-benefiċċju ta' l-inventarju jbigħu dak il-post biex jitħallas xi dejn dovut minn dak il-wirt, u f'kull każ ikun hemm beni oħra tal-wirt minn fejn ikunu jistgħu jitħallsu dawk id-djun, il-parti li tibqa' ħajja jkollha jedd titlob, fi żmien sena mill-bejgħ, danni mingħand il-werrieta tal-parti li tmut, jew mingħand il-werrieta tal-parti li tmut li jkunu aċċettaw bil-benefiċċju ta' l-inventarju li ma jkunu għamlu xejn biex dawk id-djun jitħallsu minn beni oħra.

(7) Il-miżżewġin jistgħu, qabel jew wara ż-żwieġ, jiftiehmu skond dan il-Kodiċi, ikun liema jkun ir-reġim patrimonjali li għandu jirregola l-proprjetà tagħhom, li jeskludu jew li jnaqqsu l-jedd kompetenti ta' min minnhom jibqa' ħaj wara l-ieħor skond dan l-artikolu.

(8) Il-jedd ta' abitazzjoni mogħti f'dan l-artikolu jispiċċa malli l-parti li tibqa' ħajja terġa' tiżżewweġ.".

69. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 634 tal-Kodiċi, il-kliem "u, meta l-mara tibqa' ħajja wara żewġha, fid-dotarju," għandhom jitħassru. Emenda ta' l-artikolu 634 tal-Kodiċi.

70. L-artikolu 636 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 636 tal-Kodiċi.

(a) minflok il-kliem "l-artikoli 631 u 633" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikoli 631, 633 u 633A";

(b) minflok il-kliem "l-artikoli 48, 49, 50, 51 u 52" li hemm fil-paragrafu (a) tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "l-artikoli 48, 51 u 52"; u

(ċ) minnufih wara l-kliem "fl-artikoli 631 u 633," li hemm fil-paragrafu (b) tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "jew il-jedd ta' abitazzjoni msemmi fl-artikolu 633A,".

71. L-artikoli 638 u 639 tal-Kodiċi għandhom jitħassru. Tħassir ta' l-artikoli 638 u 639 tal-Kodiċi.

72. Fl-artikolu 646 tal-Kodiċi minflok il-kliem "L-ishma li jmissu lil min jibqa' ħaj mir-raġel u l-mara" għandhom jidħlu l-kliem "Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 633A, l-ishma li jmissu lil min jibqa' ħaj mir-raġel u l-mara". Emenda ta' l-artikolu 646 tal-Kodiċi.

73. Minflok l-artikolu 825 tal-Kodiċi għandu jidħol dan li ġej: Sostituzzjoni ta' l-artikolu 825 tal-Kodiċi.

"Jeddijiet ta' min mill-miżżewġin jibqa' ħaj meta l-iehor iħalli tfal.

825. Meta l-parti li tmut tħalli tfal jew dixxendenti minn dawk imsemmijin fl-artikolu 631, il-parti li tibqa' ħajja jkollha biss il-jeddijiet mogħtija taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija artikolu u ta' l-artikoli 632, 633A, 634 u 635, u d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 637 għandhom ukoll japplikaw.".

74. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 826 tal-Kodiċi minflok il-kliem "bħal dawk imsemmija fl-artikolu 631 —" għandhom jidħlu l-kliem "bħal dawk imsemmija fl-artikolu 631, min jibqa' ħaj ikollu dritt għall-jedd ta' abitazzjoni msemmi fl-artikolu 633A, u dwar il-beni tal-persuna li tmut li ma jkunux suġġetti għal dak il-jedd ta' abitazzjoni —". Emenda ta' l-artikolu 826 tal-Kodiċi.

75. Minflok il-kliem "l-artikoli 48, 49, 50, 51 u 52" li hemm fl-artikolu 829 tal-Kodiċi għandhom jidħlu l-kliem "l-artikoli 48, 51 u 52". Emenda ta' l-artikolu 829 tal-Kodiċi.

76. Minnufih wara l-artikolu 971 tal-Kodiċi għandu jidħol dan li ġej: Żieda ta' artikolu ġdid 971A mal-Kodiċi.

"Tifel 'il fuq mill-età ta' sittax-il sena jista' jiftaħ u jħaddem kont f'bank.

971A. Minkejja kull dispożizzjoni ta' dan il-Kodiċi, tifel li jkun għalaq is-sittax-il sena jista' jiddepożita flus f'kont f'bank miftuħ mit-tifel f'ismu, u kull flus depożitati f'kull kont bħal dak jistgħu jkunu rtirati biss minn dak it-tifel minkejja li dawk il-flus jistgħu jkunu suġġetti għall-amministrazzjoni, użufrutt jew awtorità ta' xi persuna oħra. Għall-finijiet kollha tal-liġi tifel, dwar il-ftuħ u tħaddim ta' xi kont bħal dak, jitqies li hu ta' l-età.".

Sostituzzjoni ta' l-artikoli minn 1236 sa 1238 tal-Kodiċi.

**77.** Minflok l-artikoli minn 1236 sa 1238 tal-Kodiċi, għandu jidħol dan li ġej:

"Kitba taż-żwieġ.

1236. Ħlief għal dawk li huma l-akkwisti msemmija fis-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu, il-liġi ma tistabbilixxi ebda soċjetà jew komunjoni ta' beni bejn il-miżżewġin.

L-għarajjes jistgħu jagħmlu ftehim li ma jkunx kontra l-għemil xieraq, eċċ.

1237. (1) Iżda, l-għarajjes jistgħu jagħmlu kull ftehim ieħor, li ma jkunx kontra l-għemil xieraq, jew kontra r-regoli li jinsabu f'dan l-artikolu jew fl-artikoli li jiġu wara ta' dan il-Kodiċi.

(2) Il-miżżewġin jistgħu, fi ftehim li jsir qabel iż-żwieġ jew wara, jiftiehmu li l-beni li jinkisbu matul iż-żwieġ tagħhom jibqgħu separati jew li jkunu regolati b'komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata taħt is-Sub-Titolu ta' dan it-Titolu, u, bla ħsara għas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, ebda soċjetà jew komunjoni ta' beni ma tista', b'mod ġenerali, tkun stabbilita bejn il-miżżewġin ħlief kif imsemmi f'dan l-artikolu jew fl-artikolu 1236.

(3) Il-miżżewġin jistgħu, mingħajr ma jirrikorru għal qorti, sew weħedhom jew ma' xi ħadd ieħor, u tkun liema tkun is-sistema li jirregola l-beni tagħhom, jagħmlu soċjetà b'responsabbiltà limitata taħt l-Ordinanza dwar Soċjetajiet Kummerċjali; jeddijiet għall-votazzjoni li jkunu marbuta ma' ishma reġistrati f'isem parti miżżewġa jkunu eżerċitati mill-parti li f'isimha l-ishma jkunu reġistrati. Il-proprjetà ta' l-ishma f'dik is-soċjetà tibqa' regolata skond is-sistema li jirregola l-beni tal-miżżewġin.

Kap. 168.

Ċertu ftehim ma jistax isir.

1238. (1) L-għarajjes ma jistgħu jagħmlu ebda ftehim fejn wieħed minnhom ikun stabbilit kap tal-familja, jew ftehim biex jitneħħew jew jitnaqqsu xi wieħed mill-jeddijiet li jiġu mis-setgħa tal-ġenituri, jew kontra d-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar l-età tal-minuri, jew kontra xi dispożizzjoni tal-liġi li fiha xi projbizzjoni.

(2) Madankollu, xi ftehim illi l-ulied kollha, jew xi wħud minnhom, għandhom jitrabbew fir-reliġjon ta' xi wieħed mill-miżżewġin ikun validu.".

Emenda ta' l-artikolu 1240 tal-Kodiċi.

**78.** Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 1240 tal-Kodiċi, il-kliem "dota jew ta'" għandhom jitħassru.

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 1241 tal-Kodiċi.

**79.** Minflok l-artikolu 1241 tal-Kodiċi għandu jidħol dan li ġej:

"Kitba taż-żwieġ magħmula minn minuri.

1241. Tgħodd il-kitba taż-żwieġ magħmula minn minuri bil-kunsens tal-ġenituri jew tal-ġenitur li jkun qed jeżerċita s-setgħa tal-ġenitur, jew jekk iż-żewġ ġenituri jkunu assenti, mejta, interdetti jew imġienen, bl-awtorizzazzjoni tal-qorti.".

**80.** L-artikolu 1244 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 1244 tal-Kodiċi.

(a) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi numerat mill-ġdid bħala subartikolu (4) tiegħu; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Kull ftehim li bil-liġi ma jistax isir qabel iż-żwieġ lanqas ma jista' jsir wara ż-żwieġ.".

**81.** Is-Sub-Titolu I u II tat-Titolu V tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi, għandhom jitħassru, u minflokhom jidħol dan li ġej:— Sostituzzjoni tas-Sub-Titoli I u II tat-Titolu V tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi.

"Sub-Titolu I

ISTITUZZJONIJIET TAD-DOTA U DOTARJU

Tneħħija ta' l-istituzzjonijiet. 1248. L-istituzzjonijiet tad-Dota u tad-Dotarju huma b'dan imneħħija.".

**82.** Minflok is-Sub-Titolu III, IV u V tat-Titolu V tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi għandu jidħol dan li ġej: Sostituzzjoni tas-Sub-Titoli III, IV u V tat-Titolu V tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi.

"Sub-Titolu III

FUQ IL-KOMUNJONI TA' L-AKKWISTI

Iż-żwieġ iġib il-komunjoni ta' l-akkwisti. 1316. (1) Iż-żwieġ li jsir f'Malta iġib *ipso jure* bejn il-miżżewġin, il-komunjoni ta' l-akkwisti, meta ma jkunx hemm ftehim xort'oħra b'att pubbliku.

(2) Iż-żwieġ li jsir barra minn Malta minn nies li, wara jiġu joqogħdu f'Malta, iġib ukoll bejniethom il-komunjoni ta' l-akkwisti, għal dawk il-beni li huma jakkwistaw wara li jaslu f'Malta.

Il-komunjoni ta' l-akkwisti tista' ssir wara ż-żwieġ. 1317. Il-miżżewġin jistgħu wkoll wara ż-żwieġ, bl-awtorizzazzjoni tal-qorti, jistabbilixxu l-komunjoni ta' l-akkwisti li, bil-kitba taż-żwieġ jew b'att ieħor kienet ġiet eskluża, jew iħassru dik il-komunjoni ta' l-akkwisti stabbilita b'kuntratt jew bis-saħħa tal-liġi.

Ma jistax ikun hemm deroga mid-dispożizzjonijiet. 1318. Il-miżżewġin ma jistgħux jidderogaw mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi safejn dawn jirreferu għall-komunjoni ta' l-akkwisti.

Meta tibda u tispiċċa l-komunjoni.

1319. Il-jedd ta' kull parti miżżewġa għall-komunjoni ta' l-akkwisti jibda, bla ħsara ta' xi dispożizzjoni oħra tal-liġi, minn dak inhar taż-żwieġ u jispiċċa malli jinħall iż-żwieġ.

Beni tal-komunjoni ta' l-akkwisti.

1320. Fil-komunjoni ta' l-akkwisti jidħlu —

(a) dak kollu li ż-żewġ partijiet miżżewġa jakkwistaw bix-xogħol jew bil-ħidma tagħhom;

(b) il-frottijiet tal-beni tal-partijiet miżżewġa, magħduda l-frottijiet tal-beni tad-dota jew suġġetti għal fedekommess, sew jekk il-beni kienu għand ir-raġel jew il-mara minn qabel iż-żwieġ, sew jekk ikunu missew lil parti minnhom wara b'wirt, b'donazzjoni, jew b'titolu ieħor, basta ma jkunux ingħataw jew tħallew bil-kondizzjoni li l-frottijiet tagħhom m'għandhomx jidħlu fl-akkwisti;

(ċ) bla ħsara għal xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi li ma taqbilx, il-frottijiet ta' dawk il-beni tat-tfal li huma suġġetti għall-użufrutt legali tal-missier jew ta' l-omm;

(d) kull beni akkwistati bi flus jew ħwejjeġ oħra li jkunu ġejjin mill-akkwisti, ukoll jekk l-akkwist ta' dawk il-beni ikun sar f'isem parti waħda mill-miżżewġin;

(e) kull beni akkwistati bi flus jew ħwejjeġ oħra li waħda mill-partijiet miżżewġin kellha minn qabel iż-żwieġ, jew li, wara ż-żwieġ, missew lilha b'donazzjoni, b'wirt, jew b'titolu ieħor, ukoll jekk dawk il-beni jkunu hekk akkwistati f'isem dik il-parti, bla ħsara tal-jedd tagħha li tieħu lura l-ispejjeż li tkun għamlet għall-akkwist ta' dawk il-beni;

(f) rebħ bix-xorti li jmiss lil parti waħda jew liż-żewġ miżżewġin, u dak is-sehem ta' teżor misjub minn parti minnhom, u li skond il-liġi jmiss lil min isib it-teżor, sew jekk dik il-parti tkun sabet it-teżor fil-fond tagħha, jew fil-fond tal-parti l-oħra, jew fil-fond ta' terzi:

Iżda dak is-sehem ta' teżor li jmiss lis-sid tal-fond jibqa' kollu għal dik il-persuna li fil-fond tagħha t-teżor ikun instab.

Preżunzjoni dwar l-akkwisti.

1321. (1) Il-beni kollha li l-miżżewġin ikollhom jew parti minnhom ikollha, jitqiesu li jagħmlu parti mill-akkwisti sakemm ma jkunx ippruvat xort'oħra.

(2) Iżda ma jidħlux fl-akkwisti l-beni li messew b'xi titolu lil waħda mill-partijiet miżżewġa qabel iż-żwieġ, minkejja li l-beni setgħu ġew għand dik il-parti biss wara ż-żwieġ.

Amministrazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti.

1322. (1) L-amministrazzjoni ordinarja ta' l-akkwisti u l-jedd li wieħed iħarrek jew jiġi mħarrek dwar dik l-amministrazzjoni ordinarja imissu lil kull waħda mill-partijiet miżżewġa.

(2) Il-jedd li jitwettqu l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja, u l-jedd li wieħed iħarrek jew jiġi mħarrek dwar dawk l-atti jew li ssir xi transazzjoni dwar xi atti jkunu li jkunu, imissu liż-żewġ miżżewġin flimkien.

(3) Dawn li ġejjin huma l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja:

(a) atti fejn jeddijiet reali fuq beni immobbli jkunu akkwistati, maħluqa jew trasferiti;

(b) atti li joħolqu jew jolqtu l-ipoteka ta' beni;

(ċ) atti fejn ikun hemm qsim ta' beni;

(d) atti li jagħtu jedd ta' użu u, jew, tgawdija ta' proprjetà immobbli;

(e) donazzjonijiet barra minn dawk imsemmija fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 1753;

(f) li tissellef jew tislef flus, barra minn depożitu ta' flus f'kont f'bank;

(ġ) l-akkwist ta' proprjetà mobbli jew ta' xi jedd ta' użu jew tgawdija ta' xi proprjetà mobbli jew immobbli li l-prezz tiegħu ma jitħallasx mal-konsenja jew qabel; iżda dan ma japplikax għal xi dejn magħmul għall-ħtiġiet tal-familja skond il-paragrafu (ċ) ta' l-artikolu 1327, jew għall-kiri ta' mobbli jew immobbli meta l-prezz tiegħu jkun moderat meta tqabblu mal-kondizzjoni tal-familja u l-kirja tkun għal żmien qasir;

(ħ) il-kuntratt għal xi garanzija;

(i) l-għoti ta' pleġġ;

(j) is-sħubija b'responsabbiltà mhux limitata f'soċjetà kummerċjali, jew is-sottoskrizzjoni għal xi ishma li ma jkunux imħallsa kollha jew l-akkwist tagħhom f'soċjetà b'responsabbiltà limitata;

(k) it-trasferiment ta' negozju kif ukoll it-trasferiment ta' xi sehem f'soċjetà kummerċjali barra minn kumpannija pubblika;

(l) kull att li joħloq privileġġ speċjali skond il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 2010; u

(m) kull att ta' rexissjoni ta' xi att imsemmi fil-paragrafi (a) u (ċ) ta' dan is-subartikolu, u kull att ta' dikjarazzjoni magħmula *inter vivos* li permezz tagħha jiġi rikonoxxut jew rinunzjat xi jedd fuq beni immobbli.

(4) Kull flus depożitati f'bank għall-kreditu ta' persuna miżżewġa jistgħu jkunu rtirati biss minn dik il-persuna mingħajr ma l-bank joqgħod jara jekk dawk il-flus humiex tal-komunjoni ta' l-akkwisti jew le.

(5) Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista', b'att pubbliku jew b'kitba privata awtentikata skond l-artikolu 634 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, taħtar lill-parti l-oħra jew lil xi persuna oħra, bħala l-mandatarju tagħha dwar atti ta' amministrazzjoni straordinarja u transazzjoni.

(6) In-nutar li jippubblika att pubbliku kif imsemmi fis-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu, u l-avukat jew in-nutar li jawtentikaw kitba privata kif imsemmija fl-istess subartikolu, għandu f'kull każ iwissi 'l parti fiż-żwieġ li tkun qed hekk taħtar mandatarju, bl-importanza u l-konsegwenzi ta' dik il-ħatra, u għandha fl-att pubbliku jew il-kitba privata, skond il-każ, tiddikjara li tkun hekk wissiet lill-parti fiż-żwieġ.

Ċaħda jew nuqqas ta' kunsens.

1323. (1) Jekk parti mill-miżżewġin tiċħad il-kunsens tagħha għal att ta' amministrazzjoni straordinarja, il-parti l-oħra tista' titlob lill-qorti kompetenti ta' ġurisdizzjoni kontenzjuża biex tagħti l-awtorizzazzjoni tagħha meta l-att ta' l-amministrazzjoni straordinarja jkun meħtieġ fl-interessi tal-familja:

Iżda l-partijiet jistgħu, f'każijiet bħal dan, jagħżlu li jadottaw il-proċeduri kontemplati fl-artikolu 6A biex twassalhom għal ftehim jew biex ikun hemm arbitraġġ bejniethom.

(2) Jekk waħda mill-partijiet tkun barra minn Malta jew jekk ikun hemm xi impediment ieħor dwar waħda mill-partijiet u f'kull każ ma jkunx hemm awtorizzazzjoni b'att pubbliku jew b'kitba privata kkonfermata skond l-artikolu 634 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-parti l-oħra tista' twettaq dawk l-atti meħtieġa ta' amministrazzjoni straordinaria ta' l-akkwisti li skond il-liġi jkunu jeħtieġu l-kunsens taż-żewġ partijiet, u li l-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja tista' tagħti l-awtorizzazzjoni b'mod speċifiku; b'dan li l-qorti ma tistax f'dawn il-każijiet tawtorizza l-atti meħtieġa kollha ta' amministrazzjoni straordinarja b'mod ġenerali.

(3) Ir-reġistrazzjoni meħtieġa bl-artikolu 996 jew 2033, skond il-każ, dwar xi att li jittrasferixxi l-proprjetà jew xi jedd reali fuq proprjetà immobbli, u kull ipoteka jekk ġenerali jew speċjali għandhom iġibu wkoll isem il-parti l-oħra wkoll daqslikieku l-parti l-oħra kienet parti fl-atti tat-trasferiment jew fl-ipoteka, u meta dik ir-reġistrazzjoni ssir f'isem parti waħda biss mill-miżżewġin, din għandha dwar terzi, tapplika biss dwar il-parti li f'isimha tkun reġistrata.

Amministrazzjoni ta' kummerċ, negozju, eċċ.

1324. Atti normali ta' ġestjoni ta' kummerċ, negozju jew professjoni li jkunu qed jiġu eżerċitati minn parti waħda biss mill-miżżewġin, ikunu vestiti biss f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed teżerċita dak il-kummerċ, negozju jew professjoni anke fejn dawk l-atti kieku ma kenux magħmula in relazzjoni ma' dik is-sengħa, negozju jew professjoni kienu jikkostitwixxu amministrazzjoni straordinarja.

Esklużjoni ta' parti mill-amministrazzjoni tal-komunjoni.

1325. (1) Il-qorti kompetenti ta' ġurisdizzjoni kontenzjuża tista' fuq talba ta' parti fiż-żwieġ tordna li l-parti l-oħra tkun eskluża jew b'mod ġenerali jew limitat għal għanijiet jew atti partikolari, mill-amministrazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, meta l-parti l-aħħar imsemmija:

(a) ma' jkollhiex ħila tamministra; jew

(b) tkun amministrat ħażin il-komunjoni;

u f'kull każ bħal dan l-amministrazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti tgħaddi, sal-limiti ta' l-esklużjoni ta' dik il-parti, għand il-parti li ma tkunx hekk eskluża.

(2) Il-parti li tkun ġiet hekk eskluża mill-amministrazzjoni ta' l-akkwisti tista', jekk ma jkunux għadhom jeżistu r-raġunijiet li għalihom ġiet eskluża, titlob lill-qorti sabiex tirreintegraha fl-amministrazzjoni.

(3) Kull ordni magħmul skond dan l-artikolu għandu jkun notifikat fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa mir-Reġistratur lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li għandu jżomm dan f'reġistru speċjali u jżomm indiċi għalih. Dawk l-ordnijiet għandu jkun fihom il-partikolaritajiet kollha taż-żewġ miżżewġin kif meħtieġa għal noti ta' iskrizzjoni taħt l-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku u għandhom jibdew iseħħu, dwar terzi, minn dik ir-reġistrazzjoni.

(4) Bla ħsara għal kull ordni magħmul skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, fil-każ ta' interdizzjoni jew inkapaċitazzjoni ta' waħda mill-partijiet miżżewġa u sakemm tispiċċa dik l-interdizzjoni jew inkapaċitazzjoni, dik il-parti tkun eskluża mill-amministrazzjoni ta' l-akkwisti u f'kull każ bħal dan l-amministrazzjoni ta' l-akkwisti tkun vestita biss fil-parti li ma tkunx hekk eskluża.

Atti mwettqa mingħajr il-kunsens meħtieġ.

1326. (1) Atti li jeħtieġu l-kunsens taż-żewġ partijiet miżżewġa iżda li jitwettqu minn parti waħda mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra jistgħu jkunu annullati fuq it-talba tal-parti l-aħħar imsemmija meta dawk l-atti jkunu dwar it-trasferiment jew il-ħolqien ta' jedd reali jew personali fuq proprjetà immobbli; u meta dawk l-atti jkunu dwar proprjetà mobbli dawn jistgħu jkunu annullati biss meta l-jeddijiet fuqhom ikunu ngħataw b'titolu gratuwitu.

(2) Kull azzjoni għal annullament tista' tittieħed biss mill-parti li kien meħtieġ il-kunsens tagħha u fiż-żmien perentorju ta' tlett snin:

(a) mid-data minn meta dik il-parti saret taf bl-att, jew

(b) mid-data tar-reġistrazzjoni, meta dak l-att jeħtieġ reġistrazzjoni, jew

(ċ) mid-data li tintemm il-komunjoni ta' l-akkwisti,

skond liema tkun l-ewwel data.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, il-jedd mogħti bis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu lil parti li titlob annullament ta' att jispiċċa malli jagħlqu tliet xhur mill-jum li fih ikun notifikat l-att lil dik il-parti bil-mezz ta' att ġudizzjarju, kemm-il darba dik il-parti ma tkunx bdiet azzjoni għal dak l-annullament.

(4) Il-parti li ma tkunx bdiet l-azzjoni għal annullament fiż-żmien stabbilit u li ma tkunx irratifikat l-att espressament jew taċitament, b'danakollu tkun tista' tieħu azzjoni biex iġġiegħel lill-parti l-oħra tirreintegra l-komunjoni ta' l-akkwisti jew, meta dan ma jkunx jista' jsir, tagħmel tajjeb għad-danni li jkunu ġġarbu.

(5) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, meta f'xi att li jkun jeħtieġ il-kunsens tal-parti l-oħra u li jkun dwar mobbli, parti taġixxi waħedha, il-parti l-oħra ma tkunx tista' titlob annullament ta' l-att; meta iżda, il-parti l-oħra ma tkunx ratifikat dak l-att, espressament jew taċitament, dik il-parti tkun tista' tieħu azzjoni biex iġġiegħel lill-parti li tkun aġixxit waħedha tirreintegra l-komunjoni ta' l-akkwisti, jew meta dan ma jkunx jista' jsir, tagħmel tajjeb għad-danni li jkunu ġġarbu.

(6) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jkunu bla ħsara għal kull jedd li parti miżżewġa għandha taħt dan il-Kodiċi jew xi liġi oħra.

Djun li jmorru fuq il-komunjoni.

1327. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 1329, il-beni li jkunu parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jbatu biss id-djun li ġejjin:

(a) il-piżijiet u l-obbligi marbutin mal-beni skond l-att li bihom ikunu akkwistati;

(b) l-ispejjeż u l-obbligi li jkunu saru għall-amministrazzjoni ta' l-akkwisti, ħlief dawk l-ispejjeż li jsiru b'atti li jeħtieġu l-kunsens taż-żewġ partijiet miżżewġa iżda li jsiru minn parti waħda mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra;

(ċ) l-ispejjeż u l-obbligi, ukoll jekk isiru separatament, għall-ħtiġiet tal-familja magħduda dawk għall-edukazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied;

(d) kull obbligu li jintrabtu għalih flimkien iż-żewġ miżżewġin;

(e) djun li jkollhom x'jaqsmu mat-tiswijiet ordinarji tal-beni ta' xi waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, li l-utili tagħha huma magħdudin fl-akkwisti;

(f) kull dejn jew indennizz dovut bħala rimedju ċivili minn xi waħda mill-partijiet fiż-żwieġ meta dak l-indennizz ma jkunx dovut bħala rimedju ċivili dwar reat jkun sar bir-rieda.

Kredituri ta' parti partikolari.

1328. Kredituri ta' parti partikolari fiż-żwieġ jiġu wara l-kredituri tal-komunjoni ta' l-akkwisti, kemm-il darba ma jkollhomx raġuni leġittima għal preferenza.

Obbligazzjonijiet li jsiru separatament minn parti waħda.

1329. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, il-kredituri ta' parti fiż-żwieġ għal djun li ma tbatihomx il-komunjoni ta' l-akkwisti, sew jekk id-dejn ikun sar qabel iż-żwieġ jew wara, jistgħu, meta dawk il-kredituri ma jkunux jistgħu jissodisfaw it-talba tagħhom kontra l-beni parafernali ta' dik il-parti, jinforzaw it-talba tagħhom *in subsidium* kontra l-beni li jkunu parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti iżda biss sal-valur li dik il-parti jkollha mill-komunjoni ta' l-akkwisti.

(2) Bla ħsara għall-jedd tal-parti miżżewġa lid-debitur li jitlob separazzjoni ġudizzjarja tal-beni, il-parti miżżewġa lid-debitur ma jkollhiex jedd topponi għal att li jinforza kreditu kontra xi beni tad-debitur jew tal-komunjoni ta' l-akkwisti ħlief meta l-beni li fuqhom tkun qed issir l-eżekuzzjoni jkunu beni parafernali ta' dik il-parti miżżewġa lid-debitur.

Meta l-beni parafernali jkunu suġġetti għad-djun tal-komunjoni.

1330. Meta l-beni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ma jkunux biżżejjed biex jitħallsu d-djun li jkunu piż fuqhom, il-kredituri ta' dik il-komunjoni jistgħu jinforzaw it-talba tagħhom *in subsidium* kontra l-beni parafernali tal-miżżewġin:

Iżda meta:

(a) id-dejn jew indennizz ikun dovut bħala rimedju ċivili dwar reat magħmul bir-rieda minn xi waħda mill-partijiet fiż-żwieġ; jew

(b) id-dejn jinħoloq mill-eżerċizzju ta' sengħa, negozju jew professjoni kif imsemmi fl-artikolu 1324;

il-kredituri ma jistgħux jinfurzaw it-talba tagħhom kontra l-beni parafernali tal-parti miżżewġa li ma tkunx hi li minħabba fiha nħolqot it-talba, iżda jistgħu f'dawn il-każijiet jinfurzaw it-talba tagħhom sal-limitu ta' kull parti li tibqa' ma titħallasx mill-beni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, kontra l-beni parafernali tal-parti li minħabba fiha nħolqot it-talba.

Ħlasijiet u radd lura ta' flus.

1331. (1) Kull waħda mill-partijiet fiż-żwieġ għandha tagħti lura lill-komunjoni ta' l-akkwisti kull somma ta' flus jew il-valur ta' kull oġġett li parti tista' tkun ħadet mill-akkwisti biex tħallas djun li ma jaqgħux taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 1327, kemm-il darba ma turix li l-att kien wieħed vantaġġjuż għall-komunjoni jew ikun sar biex jinqdew il-ħtiġiet tal-familja.

(2) Kull waħda mill-partijiet fiż-żwieġ għandha jedd li titħallas lura kull somma ta' flus jew il-valur ta' kull oġġett li jkunu ttieħdu mill-beni parafernali tagħha meta dawk il-flus ikunu ntefqu jew dak l-oġġett ikun intuża dwar dejn jew investiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti.

(3) Parti fiż-żwieġ li tkun kreditur tal-komunjoni ta' l-akkwisti tista' titlob li tingħata beni tal-komunjoni sal-valur tal-kreditu tagħha. Il-ħlas lura mill-beni tal-komunjoni ta' l-akkwisti jsir l-ewwel billi jingħataw flus, imbagħad mobbli u fl-aħħarnett immobbli.

(4) Dan il-ħlas lura għandu jsir meta tispiċċa l-komunjoni ta' l-akkwisti: iżda l-qorti tista' tawtorizza li kull ħlas lura bħal dan isir f'data qabel meta l-interessi tal-familja hekk jeħtieġu jew jippermettu.

Qsim ġudizzjarju ta' beni.

1332. (1) Il-qsim ġudizzjarju ta' beni jista' jiġi dikjarat:

(a) ma' l-interdizzjoni jew l-inkapaċità ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ; jew

(b) meta s-sitwazzjoni diżordinata ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ jew l-imġieba tagħha dwar l-amministrazzjoni ta' l-akkwisti tipperikola l-interessi tal-komunjoni ta' l-akkwisti, jew tal-familja jew tal-parti li titlob il-qsim ġudizzjarju tal-beni; jew

(ċ) meta waħda mill-partijiet fiż-żwieġ tonqos sostanzjalment fid-dmir li tagħti sehemha għall-ħtiġiet tal-familja skond l-artikolu 3 ta' dan il-Kodiċi; jew

(d) meta waħda mill-partijiet fiż-żwieġ tkun ġiet eskluża mill-amministrazzjoni skond l-artikolu 1325, jew b'mod ġenerali jew sostanzjalment.

(2) Il-qsim ġudizzjarju ta' beni jista' jintalab biss minn waħda mill-partijiet fiż-żwieġ jew mir-rappreżentanti leġittimi tagħha; hekk iżda li dak il-qsim ma jistax jintalab mill-parti jew mir-rappreżentanti tal-parti li minħabba fiha jkunu nqalgħu r-raġunijiet għal qsim ġudizzjarju msemmija fil-paragrafi (b) jew (ċ) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

(3) Meta l-qsim ġudizzjarju jkun intalab mill-parti eskluża mill-amministrazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti skond il-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, il-qorti għandha, meta l-qsim ġudizzjarju jġib telf finanzjarju lill-parti l-oħra, tordna lill-parti li titlob il-qsim ġudizzjarju li tħallas kumpens lill-parti l-oħra għat-telf li din setgħet ġarrbet minħabba l-qsim.

(4) (a) Fis-sentenza li tiddikjara l-qsim ġudizzjarju ta' beni, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konkluživa.

(b) Il-qorti tista' iżda, bla ħsara għal kull jedd akkwistat minn terzi, tordna li s-sentenza tibda tgħodd qabel id-data li fiha jkun ġie ppreżentat l-att tal-kawża li tkun ġiet deċiża.

(ċ) Il-kredituri ta' kull waħda mill-partijiet miżżewġa jew tal-komunjoni ta' l-akkwisti jistgħu jimpunjaw il-qsim dikjarat mill-qorti, ukoll jekk dan ikun ingħata seħħ, jekk il-qsim ikun inkiseb b'qerq tal-jeddijiet tagħhom.

(5) Il-qorti tista', meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tordna li l-beni li jkunu parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien, wara li tispiċċa l-komunjoni ta' l-akkwisti, li tista' tistabbilixxi.

(6) Kull ordni mogħti mill-qorti bis-saħħa tas-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu, jista', jekk tingħata raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti.

(7) It-talba għal qsim ġudizzjarju ta' beni ma twaqqafx xi azzjoni li tinforza xi dejn tal-komunjoni ta' l-akkwisti.

(8) Meta tkun ġiet ippreżentata talba għall-qsim ta' beni, kreditur ta' waħda mill-partijiet miżżewġa jista' jibda jew ikompli proċedimenti biex jinforza t-talba tiegħu kontra l-beni tal-komunjoni ta' l-akkwisti u f'kull każ bħal dan il-

parti miżżewġa lid-debitur tista' titlob li nofs ir-rikavat mill-bejgħ ta' kull oġġett tal-komunjoni ta' l-akkwisti jibqa' depożitat fil-qorti akkont tas-sehem fil-komunjoni ta' l-akkwisti tal-parti miżżewġa lid-debitur; hekk iżda li jekk dawk id-depożiti jkunu iktar mis-sehem ta' dik il-parti fil-komunjoni ta' l-akkwisti dik is-somma li tkun depożitata iktar tibqa' għall-kreditu tal-parti debitriċi u tista' tiġi sekwestrata mill-krędituri tagħha.

(9) Kull sentenza li tordna qsim ġudizzjarju ta' beni ma jkollhiex seħħ kontra terzi ħlief mill-jum li fih dik is-sentenza tkun reġistrata fir-Reġistru Pubbliku.

Qsim tal-komunjoni.

1333. Il-qsim tal-komunjoni ta' l-akkwisti għandu jsir billi nofs il-beni u l-passiv tal-komunjoni jinqasmu nofs kull wieħed bejn il-miżżewġin.

Sub-Titolu IV

## FUQ IL-BENI PARAFERNALI

Definizzjoni ta' proprjetà parafernali.

1334. (1) Meta l-komunjoni ta' l-akkwisti jew il-komunjoni tar-residwu taħt amministrazzjoni separata jkunu jeżistu bejn il-miżżewġin, il-beni kollha li ma jaqgħux taħt il-paragrafi minn (a) sa (f) ta' l-artikolu 1320 jew ma jkunux dotali huma parafernali. Meta l-beni tal-miżżewġin ikunu miżmuma bis-sistema ta' beni separati, il-beni kollha li m'humiex dotali huma parafernali.

(2) L-amministrazzjoni tal-beni parafernali tkun b'mod esklużiv f'idejn dik il-parti fiż-żwieġ li tagħha jkunu l-beni.

(3) Sabiex il-familja jkollha għajnuna, il-miżżewġin għandhom l-ewwel jużaw id-dħul li jinkiseb minn beni komuni qabel id-dħul li jkun esklużivament ta' parti minnhom, u l-ewwel għandhom jużaw il-kapital li jkun parti mill-beni komuni jew mill-komunjoni ta' l-akkwisti qabel il-kapital li jkun esklużivament ta' waħda mill-partijiet.

Meta parti fiż-żwieġ taħtar lill-parti l-oħra bħala aġent.

1335. Meta parti fiż-żwieġ taħtar lill-parti l-oħra bħala aġent biex tamministra l-beni parafernali tagħha, it-tieni parti tkun responsabbli lejn l-ewwel parti bl-istess mod bħal aġent ieħor, b'dan iżda li dik il-parti tkun obbligata li

tagħti kont ta' l-utili jekk hekk jingħad espressament fil-mandat.

Meta parti fiż-żwieġ tgawdi beni mingħajr awtorità jew b'awtorità iżda mingħajr kondizzjoni li tagħti kont ta' l-utili.

1336. (1) Meta parti fiż-żwieġ tkun gawdiet il-beni parafernali tal-parti l-oħra, mingħajr awtorità, iżda mingħajr oppożizzjoni, dik il-parti jew il-werrieta ta' dik il-parti, għandhom, malli jispiċċa ż-żwieġ jew ma' l-ewwel talba tal-parti li l-beni jkunu proprjetà tagħha, ikunu biss obbligati li jgħaddu l-utili eżistenti, u m'għandhomx jagħtu kont ta' l-utili li jkunu ntużaw sa dak iż-żmien.

(2) L-istess għandu japplika meta dik il-parti tkun gawdiet dawk il-beni b'awtorità iżda mingħajr il-kondizzjoni espressa li tagħti kont ta' l-utili.

Meta parti fiż-żwieġ tgawdi l-beni minkejja oppożizzjoni.

1337. Meta parti fiż-żwieġ tkun gawdiet il-beni tal-parti l-oħra minkejja oppożizzjoni, l-ewwel parti tkun responsabbli għall-utili kollha li jkunu jeżistu u li jkunu ntużaw.

Sub-Titolu V

## FUQ IL-KOMUNJONI TA' RESIDWU TAĦT AMMINISTRAZZJONI SEPARATA

Komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata.

1338. (1) Meta għarajjes f'kitba taż-żwieġ jistipulaw li l-beni akkwistati minnhom matul iż-żwieġ għandhom ikunu regolati bis-sistema ta' komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan is-Sub-Titolu.

(2) Il-beni li jkunu regolati bis-sistema ta komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata huma l-beni li jaqgħu taħt il-paragrafi minn (a) sa (f) ta' l-artikolu 1320.

Kif ikunu reġistrati akkwisti.

1339. (1) Taħt is-sistema ta' komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata l-akkwisti li jsiru minn kull waħda mill-partijiet fiż-żwieġ matul iż-żwieġ tagħhom jinżammu u jkunu amministrati mill-parti li tkun għamlet dawk l-akkwisti u, bla ħsara għal-limitazzjonijiet li jinsabu f'dan is-Sub-Titolu, għandhom, dwar terzi, ikunu trattati minn dik il-parti daqslikieku dik il-parti kienet is-sid esklussiv tagħhom.

(2) Meta taħt is-sistema ta' komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata beni jinkisbu mill-partijiet fiż-żwieġ flimkien, dawn ikunu amministrati flimkien. Is-sehem ta' kull parti f'dawk il-beni tista' tiġi biss trasferita *inter vivos* bil-kunsens tal-parti l-oħra, jew, meta dak il-kunsens jinżamm mingħajr raġuni, bl-awtorizzazzjoni tal-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja, jew b'bejgħ b'irkant ġudizzjarju fuq il-talba tal-kreditur ta' dik il-parti.

Kif tispiċċa l-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata.

1340. (1) Il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata għandha, sakemm ma tintiemmx qabel bil-kunsens tal-partijiet fiż-żewġ b'att pubbliku bl-awtorizzazzjoni tal-qorti, tispiċċa max-xoljiment taż-żwieġ; taħt l-istess ċirkostanzi, *mutatis mutandis*, li japplikaw għall-komunjoni ta' l-akkwisti taħt il-paragrafi (b) u (ċ) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 1332; u mas-separazzjoni legali tal-miżżewġin.

(2) Is-subartikoli (2), (4), (8) u (9) ta' l-artikolu 1332 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* meta x-xoljiment tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata jkun dikjarat b'sentenza tal-qorti.

Kif ikun meqjus ir-residwu.

1341. (1) Meta tispiċċa b'liema mod ikun il-komunjoni tar-residwu taħt amministrazzjoni separata, ir-residwu li għandu jittieħed kont tiegħu minn kull waħda mill-partijiet fiż-żwieġ għandu jinkludi kull spiża li ssir minn dik il-parti biss fl-interess tagħha mill-beni regolati minn dik il-komunjoni u li jkun f'idejn dik il-parti, u jkun suġġett għat-tnaqqis ta' kull ammont imħallas mill-beni parafernali ta' dik il-parti għal djun ta' dik il-parti dwar il-beni f'idejn dik il-parti u regolati bis-sistema ta' komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata, kif ukoll il-passiv li jkun għadu ma tħallasx minn dik il-parti li jkun sar dwar dawk il-beni.

(2) Għandu jitnaqqas mir-residwu kif stabbilit fis-subartikolu (1) kull dejn parafernali tal-parti fiż-żwieġ li jkun aktar mill-beni parafernali ta' dik il-parti.

(3) Dak li jibqa' bil-mod stabbilit fis-subartikolu (2) ikun, sakemm mhux debitu, ir-residwu finali ta' dik il-parti fiż-żwieġ. Jekk ir-riżultat ikun debitu għandu jitqies li ma jkun hemm ebda residwu finali għal dik il-parti.

(4) Meta r-residwu finali ta' waħda mill-partijiet miżżewġa ikun iktar mir-residwu tal-parti l-oħra, jew meta parti waħda biss ikollha residwu finali, għandu jingħata lill-parti bl-inqas residwu jew mingħajr residwu finali, skond il-każ, daqstant mir-residwu finali tal-parti bl-akbar residwu finali jew bl-uniku residwu finali li jkun meħtieġ sabiex kull waħda mill-partijiet ikollha sehem indaqs tal-beni li jifformaw ir-residwu finali taż-żewġ partijiet fiż-żwieġ.

Meta dejn ma jkunx parafernali.

1342. (1) Għall-finijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 1341 kull dejn li m'huwiex imsemmi hawn taħt huwa dejn parafernali:—

(a) il-piżijiet u l-obbligi marbutin mal-beni skond l-att li bihom ikunu akkwistati;

(b) l-ispejjeż u l-obbligi li jkunu saru fl-amministrazzjoni ta' l-akkwisti;

(ċ) l-ispejjeż u l-obbligi wkoll jekk ikunu saru separatament, għall-ħtiġiet tal-familja magħduda dawk għall-edukazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied;

(d) djun li jkollhom x'jaqsmu mat-tiswijiet ordinarji ta' beni parafernali tal-parti li l-utili tagħhom ikunu inklużi fl-utili regolati mill-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata;

(e) kull dejn jew indennizz dovut bħala rimedju ċivili mill-parti fiż-żwieġ, meta dak l-indennizz ma jkunx dovut bħala rimedju ċivili dwar reat li jkun sar bir-rieda.

Jeddijiet ta' terzi.

1343. (1) Terzi jistgħu biss jeżerċitaw il-jeddijiet tagħhom kontra dik il-parti fiż-żwieġ li tkun għamlet il-kuntratt jew id-dejn magħhom.

(2) Malli tispiċċa l-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata u wara li jingħata r-residwu finali, il-kredituri ta' kull parti fiż-żwieġ jistgħu iżda, dwar kull dejn li jkun sar magħhom qabel ma tkun spiċċat il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata, jitolbu *in subsidium* kontra l-parti l-oħra sa l-ammont, jekk ikun hemm, tal-beni tar-residwu finali tal-parti debitriċi mogħtija lill-parti l-oħra.

Trasferimenti gratuwiti.

1345. (1) Meta bejn il-miżżewġin ikun hemm is-sistema ta' komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata, parti fiż-żwieġ ma tistax tittrasferixxi *inter vivos* xi beni tagħha b'titolu gratuwitu mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra.

(2) Is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma japplikax għal donazzjonijiet ta' valur moderat meta jitqiesu l-kondizzjoni tal-partijiet u ċ-ċirkostanzi l-oħra kollha.

(3) Azzjoni għall-annullament ta' att ta' trasferiment b'titolu gratuwitu tista' tittieħed biss mill-parti li l-kunsens tagħha kien meħtieġ u fiż-żmien perentorju ta' tlett snin:

(a) mid-data li fiha dik il-parti saret taf bl-att, jew

(b) mid-data tar-reġistrazzjoni, meta dak l-att jeħtieġ reġistrazzjoni, jew

(ċ) mid-data li tispiċċa l-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata,

skond liema tkun l-ewwel data.

Atti magħmulin bi skop ta' qerq.

1345A. (1) Meta parti fiż-żwieġ tagħmel xi att bil-ħsieb li tqarraq bil-parti l-oħra u ċċaħħadha mill-jeddijiet kompetenti li jkollha meta tispiċċa l-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata, dik il-parti l-oħra tista' teżerċita l-azzjoni maħsuba fl-artikolu 1144 ta' dan il-Kodiċi daqslikieku kienet kreditur.

Dak il-jedd ikun personali għall-parti l-aħħar imsemmija jew għall-werrieta tagħha u ma jkunx jista' jiġi eżerċitat mill-kredituri tal-parti.

(2) Ma tista' tittieħed ebda azzjoni taħt dan l-artikolu malli jagħlqu ħames snin:

(a) mid-data li fiha l-parti ssir taf bl-att, jew

(b) mid-data tar-reġistrazzjoni, meta dak l-att jeħtieġ reġistrazzjoni, jew

(ċ) mid-data li tispiċċa l-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata.

skond liema tkun l-ewwel data.".

Tħassir ta' l-artikolu 1933 tal-Kodiċi.

**83.** L-artikolu 1933 tal-Kodiċi għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 2019 tal-Kodiċi.

**84.** Fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 2019 tal-Kodiċi, minflok il-kliem "omm terġa' tiżżewweġ", il-kliem "żewġ l-omm" u l-kliem "l-omm tkompli" għandhom jidħlu rispettivament il-kliem "ġenitur jerġa' jiżżewweġ", il-kliem "żewġ jew mart il-ġenitur" u l-kliem "l-ġenitur ikompli" rispettivament.

Emenda tat-Taqsima II tat-Tieni Skeda li tinsab mal-Kodiċi.

**85.** It-Taqsima II ta' l-Iskeda li tinsab mal-Kodiċi għandha tiġi emendata kif ġej:—

(a) fit-tarf t'isfel ta' l-Att ta' Żwieġ li hemm fil-Formula E tagħha, qabel l-ispazju mħolli għall-firma tar-raġel u tal-mara għandu jidħol dan li ġej:

"Jien hawn taħt iffirmata (il-mara) niddikjara li nagħżel li:

* nieħu l-kunjom tar-raġel

* inżomm kunjom xbubiti wara ż-żwieġ.

(* ħassar fejn ma japplikax).";

(b) minflok il-Formuli I u J li jinsabu fiha, għandhom jidħlu l-Formuli I u J murija fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att;

(ċ) fil-Formula K li tinsab fiha, taħt il-kliem "Data taż-żwieġ" għandhom jidħlu l-kliem "Il-mara għażlet li żżomm kunjom xbubitha maż-żwieġ (ħassar fejn ma japplikax)";

(d) fil-Formula L li tinsab fiha, taħt il-kliem "Data taż-żwieġ" għandhom jidħlu l-kliem "Il-mara għażlet li żżomm kunjom xbubitha maż-żwieġ (ħassar fejn ma japplikax)";

(e) il-Formuli M u N li jinsabu fiha għandhom jitħassru; u

(f) minnufih wara l-Formula P li tinstab fiha, għandha tidħol il-Formula Q murija fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att.

**86.** L-artikolu 338 tal-Kodiċi Kriminali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda tal-Kodiċi Kriminali.

(a) minflok il-paragrafu (y) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(y) bħala ġenitur iħalli lil uliedu fil-bżonn, jew bħala parti fiż-żwieġ tħalli lill-parti l-oħra fil-bżonn, minħabba ħajja bla qies jew nuqqas ta' kont għax-xogħol;

(b) minnufih wara l-paragrafu (ii) tiegħu, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"(jj) meta ordnat jew ordnata mill-qorti biex jagħti jew tagħti aċċess lil wild taħt il-kustodja tiegħu jew tagħha, jirrifjuta jew tirrifjuta li jagħmel jew tagħmel hekk mingħajr raġuni xierqa;".

**87.** Il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda tal Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

(a) fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 381 tiegħu, minflok il-kliem "meta dan il-kreditur ikun il-mara" għandhom jidħlu l-kliem "meta l-kreditur ikun waħda mill-partijiet fiż-żwieġ", u minnufih wara l-kliem "tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu" għandhom jidħlu l-kliem "jew tas-salarju ta' xi persuna";

(b) fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 382 tiegħu, minflok il-kliem "dovut lil mart" għandhom jidħlu l-kliem "dovut lil mart jew żewġ";

(ċ) fil-proviso għall-artikolu 470 tiegħu minnufih wara l-kliem "għall-għoti ta' digriet li jordna l-ħlas ta' dik is-somma" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew talba lill-qorti biex b'digriet tistabbilixxi liema waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, jekk il-każ, għandha matul il-proċedimenti tibqa' tgħix fid-dar matrimonjali";

(d) l-artikolu 470A tiegħu għandu jitħassar;

(e) minflok in-nota marġinali għall-artikolu 480 tiegħu, minflok il-kliem "manteniment provviżorju" għandhom jidħlu l-kliem "manteniment provviżorju eċċ.";

(f) l-artikolu 481B tiegħu għandu jitħassar;

(ġ) minnufih wara l-kliem "ġew magħmula quddiemu u" fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 634 tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem ", meta l-persuna ma tkunx taf tiffirma isimha,"; u

(ħ) minnufih wara l-artikolu 875 għandu jidħol dan li ġej:

"Mandat f'każi ta' separazzjoni personali.

875A (1) Meta parti fiż-żwieġ tkun għamlet jew tkun se tagħmel quddiem il-qorti ta' ġurisdizzjoni kontenzjuża kawża għal separazzjoni personali, il-parti tista' titlob lil dik il-qorti li toħroġ mandat ta' inibizzjoni:

(a) kontra l-parti l-oħra fiż-żwieġ fejn ma tħallix lil dik il-parti l-oħra li tbiegħ, tneħħi, tittrasferixxi jew tiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi ishma f'xi soċjetà kummerċjali jekk dawk l-ishma jkunu parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti; jew

(b) kontra xi soċjetà li fiha l-parti l-oħra jkollha maġġoranza ta' l-ishma li jkunu tal-komunjoni ta' l-akkwisti milli tbiegħ, tneħħi, tittrasferixxi jew xort'oħra tiddisponi sew b'titolu oneruż jew gratuwitu, xi proprjetà immobbli jew jeddijiet marbutin magħha li tkun proprjetà ta' dik is-soċjetà kummerċjali; jew

(ċ) kontra l-parti l-oħra fiż-żwieġ milli tagħmel xi dejn jew garanzija li tkun ta' piż fuq il-komunjoni ta' l-akkwisti.

(2) It-talba msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu tista' ssir f'kull żmien wara li rikors ikun ippreżentat quddiem il-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja biex tawtorizza li jsiru proċedimenti ġuridiċi għal separazzjoni u sakemm tingħata s-sentenza finali għal dik l-azzjoni ta' separazzjoni.

(3) Jekk il-mandat jinħareġ qabel ma' l-azzjoni għas-separazzjoni tinġieb quddiem il-qorti ta' ġurisdizzjoni kontenzjuża, il-parti li tkun għamlet it-talba għall-ħruġ tal-mandat għandha fi żmien erbat ijiem min-notifika ta' l-eżekuzzjoni tiegħu jew fi żmien għaxart ijiem mill-ħruġ tal-mandat, tibda l-azzjoni quddiem il-qorti ta' ġurisdizzjoni kontenzjuża għal separazzjoni personali meta l-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja tkun awtorizzat dik l-azzjoni. Jekk meta joħroġ il-mandat ma tkunx ingħatat l-awtorizzazzjoni, l-imsemmija azzjoni għandha tinbeda fi żmien erbat ijiem minn dik l-awtorizzazzjoni.

(4) Jekk l-azzjoni ma tinbediex fiż-żminijiet imsemmija fis-subartikolu (3) il-mandat ma jkollu ebda effett.

(5) Il-mandat, jekk qabel ma jkunx revokat, jibqa' jseħħ sad-data tas-sentenza finali fl-azzjoni għal separazzjoni personali. Il-qorti iżda tista' tiddeċiedi li l-mandat jibqa' jseħħ għal perijodu ieħor jew perijodi oħra ta' mhux iżjed minn sitt xhur-il wieħed sakemm tkun likwidata l-komunjoni ta' l-akkwisti. L-imsemmi mandat jieqaf mis-seħħ jekk l-imsemmija azzjoni jew ir-rikors għall-awtorizzazzjoni quddiem il-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja jkun irtirat jew abbandunat.

(6) Mandat maħruġ taħt dan l-artikolu ma japplikax għall-kostituzzjoni ta' xi jedd fuq, jew tneħħija jew trasferiment ta' xi beni li jsir fuq ordni ta' xi qorti.

(7) Meta mandat jipprojbixxi l-bejgħ, tneħħija, trasferiment jew disponiment ieħor ta' proprjetà immobbli r-rikors għandu jkun fih il-partikolaritajiet kollha dwar il-persuna jew is-soċjetà li kontra tagħha jkun qed isir li bil-liġi huma meħtieġa għar-reġistrazzjoni ta' trasferiment ta' proprjetà immobbli minn dik il-persuna jew soċjetà fir-Reġistru Pubbliku. Meta l-mandat jirreferi għal mobbli speċifiċi, ir-rikors għandu jiddeskrivihom bil-mod provdut fl-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku dwar noti ta' iskrizzjoni. Kap. 56

(8) Dak il-mandat għandu mal-ħruġ tiegħu u għall-ispejjeż tar-rikorrent, ikun notifikat fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa mir-Reġistratur lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, lir-Reġistratur ta' l-Artijiet u lir-Reġistratur tas-Soċjetajiet Kummerċjali li għandhom minnufih jirreġistrawh f'kotba miżmuma għal hekk. Dawk il-kotba jkollhom indiċi u jkunu aċċessibbli għall-pubbliku. Il-mandat ikun ukoll notifikat lil kull persuna indikata mir-rikorrent.

(9) Mar-reġistrazzjoni tal-mandat mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, kull bejgħ, tneħħija, trasferiment jew disponiment ieħor ta' proprjetà immobbli li għaliha jirreferi l-mandat u li ma jkunx qabel reġistrat fir-Reġistru Pubbliku jew fir-Reġistru ta' l-Artijiet, ikun null u mingħajr effett. It-trasferiment ta' xi ishma magħmul mir-Reġistratur tas-Soċjetajiet wara r-reġistrazzjoni tal-mandat ikun bl-istess mod null.

(10) Meta l-mandat ikun notifikat kif imiss, kull obbligazzjoni msemmija fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu li ssir wara dik in-notifika minn dik il-parti fiż-żwieġ li kontra tagħha jkun inħareġ il-mandat favur il-persuna notifikata bil-mandat tkun nulla u mingħajr effett, u dan bla ħsara għal xi responsabbiltà għal disprezz tal-qorti skond dan il-Kodiċi.

(11) Il-parti fiż-żwieġ li kontra tagħha jinħareġ il-mandat kif ukoll kull soċjetà msemmija fil-mandat u kull persuna li turi nteress jistgħu f'kull żmien b'rikors jitolbu lill-qorti biex tirrevoka jew tibdel il-mandat taħt dan l-artikolu.".

Emenda għall-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Artijiet Kap. 296.

**88.** Minflok il-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 36 ta' l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Artijiet għandu jidħol dan li ġej:

"(d) li, bħala persuna miżżewġa lil sid reġistrat ta' art jew ipoteka reġistrata, teħtieġ li tissalvagwarda kull dritt fuq dik l-art jew ipoteka reġistrata naxxenti bis-saħħa ta' kull liġi li tirregola r-relazzjonijiet matrimonjali; jew".

Dispożizzjonijiet transitorji.

**89.** (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli li ġejjin, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att m'għandhomx jolqtu:

(a) xi sentenza li kienet finali u konklużiva mal-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att;

(b) xi obbligazzjoni li tkun saret leġittimament f'isem il-komunjoni ta' l-akkwisti qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att u kull responsabbiltà li tkun ittieħdet qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att li f'dak iż-żmien kienet piż fuq il-komunjoni ta' l-akkwisti, kif ukoll kull responsabbiltà fuq il-komunjoni ta' l-akkwisti wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att u skond xi ftehim li jkun sar qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att.

(2) Kull azzjoni għal ċaħda ta' paternità tkun suġġetta għal-limitazzjonijiet ta' żmien u għar-raġunijiet għal ċaħda maħsuba f'dan il-Kodiċi kif emendat b'dan l-Att ukoll meta l-leġittimità ta' tifel imwieled qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att kienet kontestata, kemm-il darba l-azzjoni ma tkunx estinta skond il-Kodiċi kif kien fis-seħħ qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att.

(3) Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 4 tal-Kodiċi kif emendat b'dan l-Att għandu japplika għal mara li tkun iżżewġet qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att kemm-il darba u sakemm ma tikkonsenjax jew tieħu ħsieb li tikkonsenja lill-Uffiċċju tar-Reġistratur Pubbliku, il-Formula Q li tinsab fit-Taqsima II ta' l-Iskeda li tinsab ma' dan il-Kodiċi fejn turi li tagħżel li terġa' tieħu kunjom xbubitha. Dik in-nota ma tkunx tista' ssir wara li jgħaddu sitt xhur mill-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att u meta tkun konsenjata fl-Uffiċċju tar-Reġistratur Pubbliku id-Direttur għandu jirreġistraha fi ktieb miżmum għal hekk, li għalih għandu jżomm indiċi taħt kunjom xbubit il-mara u kunjom ir-raġel tagħha.

(4) Meta qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att tkun ġiet dikjarata mill-qorti separazzjoni legali bejn il-miżżewġin jew il-partijiet fiż-żwieġ ikunu hekk ftehmu b'kuntratt u ma jkunx sar provdiment għax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi kif kien iseħħ qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att għandhom ikomplu japplikaw dwar dik il-komunjoni ta' l-akkwisti:

Iżda l-partijiet fiż-żwieġ jistgħu, b'att pubbliku li jsir bl-awtorizzazzjoni tal-qorti kompetenti ta' ġurisdizzjoni volontarja jiftiehmu li jtemmu l-komunjoni skond il-Kodiċi kif emendat b'dan l-Att, u jekk ma jsirx dak il-ftehim kull waħda mill-partijiet fiż-żwieġ tista', b'ċitazzjoni ppreżentata kontra l-parti l-oħra, titlob lill-qorti li ttemm dik il-komunjoni skond il-Kodiċi kif emendat kif intqal qabel.

(5) L-effetti patrimonjali ta' żwieġ ċelebrat qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att għandhom jiġu regolati b'kull kitba taż-żwieġ li kienet teżisti bejn il-miżżewġin, iżda f'kitba taż-żwieġ bħal dik kull riferenza b'mod ġenerali għas-sistema ta' komunjoni ta' l-akkwisti, għandha titqies li tkun riferenza għall-komunjoni ta' l-akkwisti skond id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi kif emendat b'dan l-Att.

(6) F'nuqqas ta' kitba taż-żwieġ, l-effetti patrimonjali ta' żwieġ ċelebrat qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att għandhom jiġu regolati bid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi kif emendat b'dan l-Att.

(7) Fejn il-mara ma kenitx, qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, parti għal kuntratt li minnu tnissel dejn kif imsemmi fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, hi ma tkunx marbuta li tikkontribwixxi għal dak id-dejn b'iżjed minn sehemha fil-komunjoni ta' l-akkwisti.

(8) Meta l-komunjoni ta' l-akkwisti li kienet teżisti bis-saħħa ta' kitba taż-żwieġ qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att tkompli tapplika bejn il-partijiet fiż-żwieġ wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, ir-raġel ma jistax ibiegħ, ineħħi, jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi *inter vivos* minn xi proprjetà immobbli li tkun parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti mingħajr il-kunsens ta' martu. Kull bejgħ, aljenazzjoni, trasferiment jew disponiment mir-raġel mingħajr il-kunsens ta' martu jkun jista' jiġi annullat minn martu fiż-żmien u bil-mod stabbilit bl-artiklu 1326 tal-Kodiċi kif emendata b'dan l-Att. Ir-raġel għandu, barra minn hekk, iżomm lil martu mgħarrfa fuq l-affarijiet tal-komunjoni u jikkonsultaha dwar il-mod ta' l-amministrazzjoni tal-komunjoni u jekk dan, b'mod sostanzjali, jonqos li jgħarrafha jew jikkonsultaha jitqies li jkun amministra ħażin l-akkwisti għall-fini ta' l-artikolu 1332 tal-Kodiċi.

(9) Kull kitba taż-żwieġ li tkun isseħħ qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att tista' tiġi mibdula b'kitba taż-żwieġ li ssir wara li permezz tagħha l-miżżewġin jagħżlu li l-ġid ta' bejniethom ikun regolat bis-sistema tal-komunjoni ta' l-akkwisti, tal-komunjoni tar-residwu taħt amministrazzjoni separata jew taħt is-sistema tas-separazzjoni tal-beni skond il-Kodiċi kif emendat b'dan l-Att.

(10) Kull dota jew dotarju li jkunu ġew kostitwiti qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att dwar żwieġ li jkun sar qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att ikomplu jgħoddu wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att u jkomplu jkunu regolati bid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi kif kienu jseħħu qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att; iżda meta dota kienet kostitwita li tinkludi beni preżenti u futuri dik id-dota tkun limitata biss għal dawk il-beni li kienu saru parti minnha qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att.

(11) Meta dota tkun ġiet kostitwita, darba biss jew suċċessivament, b'legat jew b'dispożizzjoni testamentarja jew b'att ieħor li jibda jaħdem *causa mortis* li jkunu bdew iseħħu qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, iżda li jirreferu għal żwieġ li ma jkunx għadu sar qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att dak il-legat jew dispożizzjoni oħra għandhom ikomplu japplikaw daqslikieku kienu legat lill-mara bil-ħsieb li din tkun se tieħu l-ħajja miżżewġa.

(12) Kull ordni mogħti qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att minn xi qorti taħt l-artikolu 470A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kif fis-seħħ qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, għandu jkompli jiġi regolat b'dak il-Kodiċi kif fis-seħħ qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att.

## SKEDA

(Artikolu 85)

"FORMULA I
(Artikolu 251)

Jiena, hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika illi dan li ġej huwa ESTRATT veru mir-reġistrazzjoni Nru. ............................... tas-sena ..................... fir-Reġistri ta' l-Istat Ċivili dwar Atti tat-Twelid u r-Reġistru ta' Persuni Adottati miżmuma fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku, il-Belt Valletta, Malta/ir-Rabat Għawdex, skond id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16).

| Post tat-twelid | Data tat-twelid | Isem il-wild | Sess | Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-missier | Isem u Kunjom u post tat-twelid ta' l-omm |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |

UFFIĊĊJU TAR-REĠISTRU PUBBLIKU – MALTA/GĦAWDEX

DIRETTUR

"FORMULA J
(Artikolu 251)

Jiena, hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika illi dan li ġej huwa ESTRATT veru mir-Reġistrazzjoni Nru. ............. tas-sena ............. fir-Reġistri ta' l-Istat Ċivili dwar Atti tat-Twelid u r-Reġistru ta' Persuni Adottati miżmuma fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku, il-Belt Valletta, Malta/ir-Rabat, Għawdex, skond id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16).

Post tat-twelid:

Data tat-twelid:

Isem u Kunjom:

Sess:

UFFIĊĊJU TAR-REĠISTRU PUBBLIKU – MALTA/GĦAWDEX

DIRETTUR

FORMULA Q

(Att ta' l-1993 li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru. 2))

DIKJARAZZJONI TA' UŻU TA' ISEM

| Partikolaritajiet dwar | Isem u Kunjom | Età | Post tat-Twelid | Isem u kunjom il-ġenituri tal-partijiet fiż-żwieġ u jekk ħajjin jew mejtin |
|---|---|---|---|---|
| Ir-raġel<br>Il-mara | | snin | | |
| Post taż-żwieġ | Data taż-żwieġ<br>jum | xahar | sena | |
| Nru. ta' l-Att taż-Żwieġ | | Nota: Meta ż-żwieġ ma jkunx reġistrat fir-Reġistru Pubbliku għandha tinġieb prova għas-sodisfazzjon tad-Direttur. | | |
| Jien hawn taħt iffirmata niddikjara li nagħżel li nuża kunjom xbubiti. | | | | |

Firma tal-mara ...............................................

Ippreżentata fi ...............................................

minn ...............................................